**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

RIK NRU 205/2019: **MASSIMO MAMO (KI. 526178M) V. JONATHAN VELLA (KI. 257688M) EŻERĊENTI L-KUMMERĊ BL-ISEM "WILLIAM TRANSPORT"**

(L-ELEMENTI TAL-EXCEPTIO INADIMPLETI CONTRACTUS U L-PRINCIPJU TA' INADIMPLENTI NON EST ADIMPLENDUM)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**7 ta' April 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Massimo Mamo (imsejjaħ "ir-rikorrent") ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2019[1] li permezz tiegħu talab lil Jonathan Vella eżerċjenti l-kummerċ bl-isem "William Transport" (imsejjaħ "l-intimat") sabiex jidher quddiem il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid l-għaliex ma għandux ikun ikkundannat li:

> **"jħallas is-somma ta' tlettax-il elf u disa' mija u erbgħin euro (€13,940) bilanċ ta' prezz ta' appalt, tqegħid ta' travi, sandwich panels u gutters.**
>
> **Bl-imgħax u bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment kontra l-konvenut, minn issa nġunt għas-subizzjoni."**

wara li rat ir-risposta tal-intimat ippreżentata fit-22 ta' Ottubru 2019[2] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

> **"I. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont m'huwa dovut mill-eccipjenti lir-rikorrenti u b'hekk it-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

---

[1] Fol 1
[2] Fol 5-12

**II. Illi x-xoghol li tieghu qed jippretendi li jithallas r-rikorrenti ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghadu sa llum mhux kompletat, b'dan illi dak ix-xoghol li tlesta in parti sar minn terza persuna u cioe Bertram Pace li tqabbad mir-rikorrenti biex jaghmel xoghlijiet rimedjali wara li x-xoghol li ghamel l-istess rikorrenti nstab illi ma kienx skond is-sengha u l-arti, dan kollu kif jirrizulta minn rapport tal-Perit Roderick Spiteri tat-18 ta' Dicembru 2018 li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dok. A".**

**III. Illi x-xoghlijiet li ghadhom ma tlestewx jikkomprendu xoghol li jrid jsir fis-saqaf tal-garage u cioe invellar tal-parti ta' quddiem tal-istess garage, u jitnehha l-injam li hemm bejn it-travi u s-sandwich panels u jsir l-invellar kif suppost, oltre li jinghata il-membrane fuq l-istess saqaf mad-dawra tal-binja kollha kif kien miftiehem originarjament u kkonfermat fl-ufficju tal-Avukat DeBono fil-presenza tal-Avukat Navarro Seychell.**

**IV. Illi dawn ix-xoghlijiet ghadhom pendenti u jinhtieg li titlesta l-binja skond is-sengha u l-arti qabel ma jigi reklamat il-hlas pretiz.**

**V. Illi wara li jsiru dawn ix-xoghlijiet il-bilanc dovut huwa ta' €6,200 u mhux kif pretiz mill-istess attur ta' €13,940.**

**VI. Illi l-kuntratt tal-appalt gie miftiehem bi prezz ta' €31,200 kif jirrizulta mid-"Dok. B" hawn anness u kien jikkomprendi it-tqeghid u l-invellar tat-travi tas-saqaf, is-sandwich panels u li jaghmel l-gutters mad-dawra skond is-sengha u l-arti.**

**VII. Illi kif jirrizulta minn "Dok. C" l-intimat hallas €25,000 biex b'hekk jonqos biss bilanc ta' €6,200 u dan wara li jinhargu r-ricevuti fiskali stante li sa llum ghadu ma inghata l-ebda ricevuta fiskali lill-intimat.**

**VIII. Illi kif huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti, liema difetti f'dan il-kaz diga' huma evidenti. (Vide. Kollez Vol. XXVII pi p373).**

**IX. Illi gialadarba allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ezami, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Val XXXVIIIpl p292), u b'hekk huwa evidenti illi l'ebda hlas m'huwa dovut mill-eccipjenti lir-rikorrenti.**

**X. Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.**

**XI. Illi b'kontro-talba, l-intimat qed jitlob li jigi rizarcit d-danni minnu sofferti minhabba x-xoghol hazin li sar mill-istess Massimo Mamo koncernanti xoghol doppju fil-kisi u zebgha tal-pilasti u tal-hitan ta' gewwa, u ta' barra, kif wkoll spiza tal-camera li kellhom jergghu jitwahhlu darbtejn u jigu re-wired stante illi kellhom jinqalghu minhabba xoghol hazin interkors."**

wara li rat il-kontrotalba tal-intimat ppreżentata fit-22 ta' Ottubru 2019[3] li permezz tagħha ppremetta kif ġej:

> "**1. Illi l-intimat kien qabbad lir-rikorrent Massimo Mamo xoghol ta' appalt konsistenti fi tqeghid ta' travi, sandwich panels, u gutters fil-fond William Transport, 60, Triq Wied Blandun, Paola, b'access iehor minn 2, Triq l-Ghaqdiet tal-Haddiema, Paola.**
>
> **2. Illi r-rikorrent Massimo Mamo ma ezegwiex ix-xoghlijiet skond is-sengha u l-arti tant illi t-travi u s-sandwich panels ma gewx invell biex b'hekk beda jipperkola u jiskula l-ilma fil-fond proprjeta' gestita mill-intimat rikonvenzjonant.**
>
> **3. Illi fil-fatt ir-rikorrent qabbad lil Bertram Pace biex jaghmel xoghlijiet rimedjali fl-istess fond stante illi dawn ma gewx oriġinarjament ezegwiti skond is-sengha u l-arti.**
>
> **4. Illi minkejja dawn ix-xoghlijiet rimedjali xorta ghadu jipperkola ilma fil-fond in kwistjoni kif jirrizulta mill-ahhar maltempata ta' Ottubru 2019 skond ritratti li ghad ser jigu ezebiti iktar l'quddiem.**
>
> **5. Illi minhabba dawn in-nuqqasijiet ta' xoghlijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti u li uhud minnhom wkoll ghadhom pendent, l-intimat sofra danni konsistenti f'xoghol li kellu jerga jsir u cioe kisi u zebgha ta' pilastri u t-tkahhil u zebgha tal-hitan kollha tal-ewwel tlett filati mis-saqaf l-isfel tal-binja oltre li kellhom jizzarmaw u jergghu jigu armati l-cameras u wiring.**
>
> **6. Illi minhabba l-perkolazzjoni ta' ilma wkoll, huwa qed jsofri danni konsistenti fil-fatt li huwa ma jista juza l-interita' tal-mahzen ghall-imagazzinar u jkollu ma jaccettax xoghol ta' magazzinar.**
>
> **7. Illi jinhtieg illi dawn id-danni li jigu pruvati waqt il-kawza jigu likwidati minn din l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.**
>
> **Ghaldaqstant, jghid ir-rikorrent rikonvenzjonat Massimo Mamo ghalhiex din il-Qorti m'ghandhiex:-**
>
> **1. Tiddikjara u tiddieciedi illi l-intimat rikonvenzjonant sofra hsara minhabba ezekuzzjoni hazina ta' xoghol maghmul mhux skond is-sengha u l-arti fil-fond William Transport, 60, Triq Wied Blandun, Paola, b'access iehor minn 2, Triq l-Ghaqdiet tal-Haddiema, Paola**
>
> **2. Tillikwida l-hsara sofferta mill-intimat rikonvenzjonant konsistenti f'xoghol li kellu jerga jsir u cioe kisi u zebgha ta' pilastri u t-tkahhil u zebgha tal-hitan kollha tal-ewwel tlett filati mis-saqaf l-isfel tal-binja oltre li kellhom jizzarmaw u jergghu jigu armati l-cameras u wiring, oltre oggetti u affarjiet ohra li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza inkluz telf ta' profitt.**
>
> **3. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jhallas dik il-hsara hekk likwidata.**

---

[3] Fol 5-12

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ingunzjoni tar-rikorrent minn issa in subizzjoni."**

wara li rat ir-risposta tar-rikorrent għall-kontrotalba, ppreżentata fl-20 ta' Jannar 2020[4] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

**"1. Illi t-talbiet tal-intimat hurna infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghaliex l-attur rikonvenzjonat dejjem ghamel xoghlu skont is-sengha u l-arti u skont struzzjonijiet li tah l-istess intimat Jonathan Vella;**

**2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, kuntrarjament ghal dak li qieghed itenni l-intimat rikonvenzjonant, huwa ma sofra l-ebda danni kawza tal-appalt maghmul mill-attur rikonvenzjonat, izda kwalsiasi hsara li seta' sofra mhumiex konsegwenza tax-xoghol maghmul mill-attur rikonvenzjonat;**

**3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, talvolta jiġu likwidati xi danni kif mitlub, dawn iridu jigu pacuti kontra s-somma dovuta lill-eccipjenti mill-konvenut rikonvenzjonant u dan kif ser jigi pprovat ahjar fil-mori tal-kawza;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri"**

wara li rat li permezz tad-digriet tagħha tat-2 ta' Frar 2020[5] il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent, mhux opposta mill-intimat, magħmula permezz ta' rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2020[6], sabiex l-kawża Rik. Nru. 206/2019 CG fl-ismijiet "*Bertram Pace v. Jonathan Vella*" ppreżentata fl-20 ta' Settembru 2019 (hawn imsejjħa ukoll "il-kawża l-oħra") tissejjaħ sabiex tinstema' mal-kawża odjerna minn din il-Qorti kif presjeduta,

wara li rat li fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2020 l-avukati rispettivi ddikjaraw li kienu qed jaqblu illi l-provi kollha li tressqu u li kienu għad irid jitressqu f'din il-kawża jkunu japplikaw ukoll għall-kawża l-oħra u vice-versa[7],

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li qrat in-noti ta' sottomissjonijiet finali ppreżentati:

- għan-nom tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Elian Scicluna[8]
- għan-nom tal-intimat, mill-Avukat Dr. Chantal Bezzina[9],

wara li rat il-bqija tal-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

[4] Fol 19
[5] Fol 24
[6] Fol 23
[7] Fol 27
[8] Fol 154-158
[9] Fol 160-171

## Sentenza

### Provi

1. Fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020, ir-rikorrent **Massimo Mamo** ppreżenta l-affidavit tiegħu[10] fejn fost affarijiet oħra qal is-segwenti:

   i. Huwa qal li jiġġestixxi negozju ta' ħadid bl-isem "Massimo Mamo Metal Works" u jaħdem fi kwalunkwe ħaġa li għandha x'taqsam mal-ħadid.

   ii. Qal li fl-2017 kien kellmu Jonathan Vella, l-intimat, li kellu bżonn xogħol ta' ħadid ġewwa bitħa "William Transport" ġewwa Triq Wied Blandun, Raħal Ġdid. Ġewwa din il-bitħa, l-intimat ried li jaqlibha għal maħżen u kien talab lir-rikorrent sabiex jagħmillu xogħol tal-ħadid fiha u ċioe is-saqaf, it-travi u sandwich panels.

   iii. Ippreċiża li hu kien avża mal-ewwel lill-intimat li ma kienx ser ikollu x'jaqsam ma' xogħol ta' kostruzzjoni u xogħol ieħor, u li għalhekk l-intimat kellu jfittex ħaddiema għal dan il-għan huwa stess.

   iv. Meta waslu għal ftehim huwa għadda kwotazzjoni għax-xogħol lill-intimat permezz ta' messaġġi telefoniċi kif jidher mid-dokument anness mal-affidavit Dok. MMl. L-intimat qatt ma kien oġġezzjona għall-istima li tah, filfatt kien tah depożitu ta' € 15,000 akkont tal-prezz tal-istess xogħol.

   v. Ix-xogħol beda fil-bidu tat-2018. Kien mar jixtri t-travi li kien ser ipoġġi fil-bitħa. Meta t-travi kienu fuq is-sit, l-intimat laqqgħu ma' bniedem barrani, li kien magħruf mir-rikorrent bħala Eman, kunjomu mhux magħruf, li ġie inkarigat biex jagħmel il-bejtiet tat-travi. Dan ix-xogħol kellu jsir skont is-sengħa u l-arti u minn xi ħadd li jifhem f'dan ix-xogħol sabiex hu jpoġġi t-travi invell u s-sandwich panels kif miftiehem mar-rikorrent. Ir-riżultat tax-xogħol tiegħu kien jiddependi mill-mod kif kien ser jaħdem dan Eman. Hu stqarr li ma jafx xi kwalifiki kellu dan Eman, iżda dejjem għamel dak li ddireġieħ biex jagħmel l-intimat.

   vi. F'April 2018 waqt li kien għadu għaddej ix-xogħol, l-intimat ċempillu u qallu li t-travi ma kienux qegħdin dritti u invell. Hu offra li jsolvi din il-problema li nħolqot minħabba x-xogħol li kien għamel il-bennej. Żied li dak iż-żmien kien

[10] Fol 26-31 tal-proċess tal-kawża l-oħra

beda jagħmel xi xogħol ta' kostruzzjoni il-ġar tal-intimat u b'riżultat ta' dan bdew joħorġu xi konsenturi fil-binja tal-intimat, kif jidher mir-ritratti annessi bhala Dok. MM3. Qal li ovvjament dan kien ser jaffettwa x-xogħol tiegħu iżda li hu ma kienx jaħti għal dan.

vii. Qal li kien offra żewġ soluzzjonijiet lill-intimat spejjeż għalih: jerġa' jġib il-crane biex jaqilgħu t-travi u jiġi ħaddiem sabiex jirranġa t-toqob u jinvellahom, jew inkella jagħmillu l-injam bejn it-travi u s-sandwich panels biex jagħmillu l-invelli. L-intimat xtaq li jmorru għall-għażla li kienet l-irħas, li f'dan il-każ kienet l-injam bejn it-travi u s-sandwich panels. Ippreċiża li kien avża lill-intimat li l-ewwel għażla kienet aktar ideali u skont is-sengħa. Madankollu, l-intimat baqa' jinsisti li jmorru għall-irħas għażla u għalhekk hu segwa dak li xtaq l-intimat ġjaladarba kien il-klijent tiegħu.

viii. F'dan l-istadju l-intimat ġab lill-perit tiegħu fuq is-sit li kien qallu li l-injam ma kienx qiegħed tajjeb. Kien għalhekk li ltaqgħu fuq is-sit hu, l-perit u l-intimat, fejn spjega lill-perit li hu dejjem kien mexa fuq dak li qallu biex jagħmel l-intimat. Spjega li s-soluzzjoni ideali sabiex jitranġa dan kollu kienet li jiġi ħaddiem biex jirranġa t-toqob u jinvellahom. Fl-istess laqgħa l-intimat kien staqsieh biex jissuġġerixxi bennej sabiex jagħmel dan ix-xogħol rimedjali.

ix. Jgħid li hu tkellem ma' Bertram Pace. Dan Pace kien tah stima u hu għaddieha lill-intimat li kien qallu biex jgħid lil Pace biex imexxi għaliex dan kien xogħol mgħaġġel, kif jidher mill-messaġġi annessi bhala Dok. MM4. Hu avża lil Pace u tah in-numru tal-intimat Vella biex jikkomunikaw flimkien. Jispeċifika li ma kellux x'jaqsam max-xogħol li kellu jagħmel Pace jew ħlas li huwa kellu jieħu.

x. Jistqarr li xogħlu wara din il-biċċa xogħol kien lest, iżda l-perit tal-intimat kien issuġġerixxa li jagħmel anke xi gutters. Minkejja li dan ma kienx fil-qbil oriġinali hu qabel li jagħmel dan ix-xogħol. Meta kien qiegħed jagħmel dan ix-xogħol l-intimat kien qallu li huwa kien ser iħallsu ta' kollox ladarba jlesti mill-gutters, avolja dan ma kienx fil-qbil oriġinali tagħhom.

xi. Qal li wara li lesta xogħolu beda jipprova jiġbor il-ħlas iżda l-intimat qallu li ma riedx iħallsu, u ma jafx għal liema raġuni ma riedx jagħmel hekk. Sar jaf ukoll li l-bennej li kien irrakkomanda lill-intimat (u ċjoe Bertram Pace) ukoll kellu xi problemi mal-intimat minħabba ħlas. Saħansitra dan l-intimat beda jipprova jdawwar kollox fuqu biex iħallas lil Bertram Pace, meta l-intendiment kien dejjem li Pace kien ser jaħdem għall-intimat u ser jitħallas minnu.

2. Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2023, xehed ir-rikorrent **Massimo Mamo**[11] in kontro-eżami. Fost affarijiet oħra qal is-segwenti:

i. Huwa qal li fil-passat kien għamillu xogħol ta' ħadid ġewwa l-ħanut tiegħu f'San Ġwann.

ii. Spjega li kien iltaqa' mal-intimat fejn il-garaxijiet u l-intimat saqsieh jekk setax jagħmillu biċċa xogħol. Ir-rikorrent issuġġerilu li juża planki stante l-kobor tal-post iżda l-intimat qallu li planki kienu wisq għoljin. Saqsieh għall-pjanti tal-perit, u rrisponda li ser jibgħathomlu imma l-intimat baqa' ma bagħtomlu qatt u qatt ma rahom.

iii. Qabel beda x-xogħol talab lill-intimat biex itellalu l-pilastri u jagħmillu l-bejtiet ta' fejn kellhom jiġu t-travi.

iv. Mistoqsi jekk kienx ra dan ix-xogħol li sar minn terzi rrisponda li għalkemm rah hu ma għandux biex jinvella l-bejtiet. Għalhekk qabel ma poġġa x-xogħol tiegħu ma setax jinduna jekk ix-xogħol li sar minn ta' qablu kienx sar tajjeb. Meta poġġa t-travi, tefa l-invell fuq it-travi, u nduna li ma kienux qegħdin dritti u kif suppost. Għalhekk kien ċempel lill-intimat u dan qallu li ma kienx ser jerġa' jaqla' kollox. Meta saqsieh x'ser jagħmlu, l-intimat rrispondih li kellu jitfalu s-saqaf kif inhu u dan minkejja li r-rikorrent kien avżah li ma kienx ser jiġi tajjeb. Imbagħad kien ċempillu l-intimat jgħidlu li żamm l-ilma.

v. Speċifika li għalkemm kien qal lill-intimat kif għandu jsir ix-xogħol ma setax jgħidlu fejn kellhom jiġu l-pilastri għax mhux is-sengħa tiegħu.

vi. Mistoqsi jekk kienx hu li ssuġġerixxa li x-xogħol isir bis-sandwich panels rrisponda li hu kien qal lill-intimat biex jaħdem bil-planki imma minħabba spejjeż l-intimat ried li jintużaw sandwich panels.

vii. Mistoqsi jekk l-intimat kienx avviċinah biex jagħmel xogħolijiet li l-intimat ma kienx kapaċi jagħmel irrisponda fl-affermattiv.

viii. Ippreċiża li hu kien ftiehem mal-intimat li se jpoġġilu travi fuq ix-xogħol li kellu jagħmel il-bennej u jpoġġilu s-sandwich panels fuq it-travi u jorbothom.

---

[11] Fol 147-150.

ix. Mistoqsi dwar il-ftehim ta' ħlas qal li l-intimat kellu jagħtih ħmistax il-elf bħala deposit, imma waqt l-andament tax-xogħol kien qallu li għandu l-materjal kollu hemm u biex iġib is-sandwich panels kellu bżonn għaxart' elef oħra. L-intimat kien qabel miegħu u tah dawn il-flus ukoll.

x. Mistoqsi jekk kienx jagħtih irċevuti rrisponda li ried jagħtih imma l-intimat ma riedx, u għalhekk tal-għaxart' elef ma kienx taħ irċevuta.

xi. Mistoqsi jekk kienx talab lill-intimat isib lil xi ħadd jagħmel numru ta' toqob fil-ħajt irrisponda fl-affermattiv, għall-bejtiet fejn se jserħu t-travi, għax hu ma setax jagħmel dak ix-xogħol għax mhuwiex bennej. Kien qallu li l-intimat ried jara fejn ħa jiġi jaqleb l-ilma, l-ewwel kienu ħa jagħmluh direzzjoni imbagħad l-intimat qallu li ħa jibnu ma' ġenbu u dawru d-direzzjoni. Qallu li t-toqob kellhom isiru ma' żewġ ħitan indikati minnu, imma qlieb u distanzi ma tahomlux hu. Qallu fejn iridu jiġu bħala ħitan. Lil min kien għamel it-toqob kien avżah li l-qlieb irid jiġi mal-faċċata.

xii. Mistoqsi jekk it-toqob sarux tajbin irrisponda li ma kienx jista' jgħid jekk humiex tajbin. Hekk kif poġġa t-travi u s-saqaf induna li s-saqaf ma kienx qiegħed invel. Hu ma kellux biex jinvella f'dak it-tul. Għalhekk, kieku kellu biex jaħdem, kien jagħmilhom hu t-toqob, imma ma kellux biex jagħmel dak ix-xogħol.

xiii. Mistoqsi għala kompla bix-xogħol jekk it-toqob ma kienux tajbin irrisponda li hu ċempel lill-intimat u qallu li jridu jinqalaw għax ma kienux qegħdin tajbin, u dak qallu biex ipoġġilu s-saqaf xorta għax ried li jagħlaq malajr kemm jista' jkun. L-intimat saqsieh x'soluzzjoni oħra kien hemm, u r-rikorrent qallu li l-unika soluzzjoni kienet li jpoġġu saqaf bejn is-saqaf u t-travu u jagħmlu l-injam ħalli jġibu l-qlib. L-intimat qabel ma' din is-soluzzjoni, u hu qallu li ser ikollu jżidlu l-flus tal-injam.

xiv. Mistoqsi fuq il-gutters qal li l-intimat kien qallu li biex jiffranka l-flus, jagħmel biċċa katusa u jirranġa hu għal gutters. Għalhekk ma kienx ikkwotalu prezz għalihom. Imbagħad l-intimat qallu li kien qabbad lil xi ħadd, ċertu Daniel, u ħallsu hu u r-rikorrent ħallas l-ispejjeż tiegħu lill-intimat.

3. Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2021 ġie prodott jixhed **Jonathan Vella** in eżami[12]:

[12] Fol 31-37.

i. Mistoqsi dwar in-natura tax-xogħol li hu qabbad lir-rikorrent jagħmel, hu rrisponda li x-xogħol sar fil-garaxx ġewwa Raħal Ġdid u li talab lir-rikorrent biex jagħmillu saqaf u dak kollu li jinvolvi miegħu biex jgħatti l-bitħa li kellu.

ii. Mistoqsi jgħid x'tip ta' xogħol, hu spjega li r-rikorrent qallu li ħa jqiegħed it-travi, jinvella u jagħmel is-saqaf komplut.

iii. Qal li qabel ma beda x-xogħol r-rikorrent kien talbu biex itellalu erba' (4) pilastri l-istess għoli tad-dawra. Kompla jispjega li r-rikorrent ma kellux x' jaqsam mal-erba' (4) pilastri. Peress li l-garaxx ġej f'forma tal-ittra "L" u l-biċċa ta' ġewwa hija l-iktar biċċa wiesa', r-rikorrent qallu li jridu jsiru l-pilastri biex meta jinvella t-travi jkollhom fejn jistrieħu, peress li kien hemm il-kobor. Ir-rikorrent kien immarkalu fejn kellhom isiru l-pilastri.

iv. Mistoqsi min għamel dan ix-xogħol tal-pilastri, qal li hu kien qabbad bennej imma ma kienx jaf x' jismu.

v. Stqarr li r-rikorrent sadanittant kien laħaq bagħtlu l-prezz ta' xogħlu li kien dak ta' €31,200, u talbu deposit. Huwa aċċetta u tah d-deposit miftiehem ta' ħmistax-il elf (€15,000). Il-bqija tal-ħlas kellu jingħata mat-tlestija tax-xogħol.

vi. Ir-rikorrent beda jġib it-travi u s-sandwich panels. Avolja ma kienx qallu li jrid iħallsu għat-travi, biex ma joħrogx flus minn ġewwa r-rikorrent kien talbu wkoll għaxart elef (€10,000) addizzjonali. Hu għalhekk tah dawn l-għaxart elef. Wara li ġab il-materjal ir-rikorrent beda jqiegħed it-travi u jagħmel ix-xogħol.

vii. Sadanittant hu kellu xi nies hemmhekk ikaħħlu l-fili, jiżbgħu u jagħmlu li kien hemm bżonn biex dan il-garaxx ossia l-istore jagħmlu tajjeb. Ir-rikorrent kien talbu biex jingaljawlu fejn jimmarka hu ġol-ħajt toqob biex ikun jista' jserraħ it-travi għal ġo fihom. Speċifika li r-rikorrent immarka biss. It-toqob għamilhom il-kaħħal li ġab hu a spejjeż tiegħu. Meta t-travi kienu qegħdin il-garaxx hu ġab krejn biex jitqiegħdu t-travi bid-direzzjoni tar-rikorrent għax hu ma jifhimx f'dan ix-xogħol. Qal li kieku kien jifhem kien jagħmlu hu x-xogħol.

viii. Kompla jispjega li r-rikorrent kien ġie l-garaxx u kien hemm il-bennej u qallu li kellu bżonn erba' (4) pilastri li jistrieħu għax fejn kien qed isaqqaf kellu garaxx ieħor fil-livell ta' taħt li jistrieħu ħabba l-piż fuq il-pilastri ta' taħt li hemm preżenti. Il-ftehim kien li r-rikorrent ried erba' (4) pilastri l-istess għoli tad-dawra preżenti, jiġifieri tal-ħajt li kien hemm dak iż-żmien.

ix. Mistoqsi kienx hemm xi xogħolijiet oħra għaddejjin biswietu, rrisponda li kien hemm il-post ta' maġenbu li kienu qegħdin isirulu xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni.

x. Mistoqsi jekk tali xogħolijiet setgħux jeffettwaw ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel ir-rikorrent, wieġeb fin-negattiv u dan anke skont ma kien qallu l-perit tiegħu. Skont l-intimat, billi waqqgħu d-dar ta' maġenbu u reġgħu bnewha f'appartamenti ma jfissirx li kellu jkun hemm xi movimenti fis-saqaf. Ta' maġenbu kienu żammew id-distanza li kien hemm bżonn skont il-liġi u ma serrħux fuq il-ħajt tal-bini tiegħu.

xi. Spjega wkoll li t-toqob li talab ir-rikorrent nbiddlu wara li kienu diġa saru t-toqob u t-travu daħal ġot-toqob u strieħ mal-ħajt l-ieħor, u li nfatti kienu nbiddlu darbtejn, anke saħansitra tlett darbiet. Dan kien a spejjez tiegħu.

xii. Kompla jispjega li r-rikorrent talab biex jagħmillu ngall fil-ħajt biex it-travu jistrieħ fuqu. Ir-rikorrent għamel il-marki, probabli nduna li l-invell ma sarx sew u min kien qed ikaħħallu dak iż-żmien mexxihom għal darbtejn jekk mhux tlett darbiet.

xiii. Waqt li kien qiegħed jiġi mistoqsi fuq il-perit tiegħu qal li l-perit tiegħu daħal għar-raġuni li s-saqaf li beda jagħmel ir-rikorrent minflok il-qlib kien qiegħed jagħti 'l barra l-qlib kien qed jagħti 'l ġewwa f'forma ta' banju. Peress li ma kienx konvint li x-xogħol kien qed isir sura, staqsa lill-perit tiegħu jiġi on site u jara x-xogħol. Ippreċiża li rigward is-saqaf ħalla kollox f'idejn ir-rikorrent u li l-perit tiegħu daħal wara li x-xogħol beda jidher viżwalment li ma kienx qiegħed isir kif suppost.

4. Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2023, l-intimat **<u>Jonathan Vella</u>** ppreżenta l-affidavit tiegħu[13]:

   i. Hu qal li f'nofs is-sena 2017, kellem lil Massimo Mamo (ir-rikorrent) rigward il-bitħa tiegħu ġewwa Raħal Ġdid fejn qallu li ried isaqqafha sabiex jużaha bħala dry store. Ir-rikorrent issuġġerillu li jsaqqaf bis-sandwich panels u qallu li kien ser jagħmel struttura tal-ħadid. Talbu biex itella' pilastri fil-parti l-wiesa' tal-bitħa u biex dawn ikunu l-istess għoli tad-dawra tal-ħajt li kien hemm madwar il-bitħa.

[13] Fol 64-106.

ii. Permezz ta' WhatsApp ir-rikorrent kien ikkwotalu l-prezz ta' €31,200 li jkopri x-xogħol u l-materjal kollu u talbu depożitu ta' €15,000 li hu ħallas mal-ewwel.

iii. Hu u r-rikorrent ftehmu li x-xogħol kellu jibda fil-bidu tal-2018 u li r-rikorrent kien ser jidderiġi x-xogħol kollu hu.

iv. Ir-rikorrent kien talbu sabiex jgħid lil Imadeddin Hasan li kien qiegħed jagħmel xi xogħol ieħor għandu sabiex jagħmel it-toqob ġol-ħajt kif xtaqhom ir-rikorrent sabiex iserraħ it-travi fuqhom.

v. Sabiex ma joħroġx flus minn ġewwa, ir-rikorrent kien talbu jagħmel depożitu ieħor ta' €10,000 biex ikun jista' jkompli x-xogħol.

vi. Waqt li kien għaddej ix-xogħol hu sellef lir-rikorrent forklifter minn tiegħu sabiex ikun jista' jċaqlaq it-travi kif ried hu. Wara li r-rikorrent qallu li t-travi kienu lesti mar biex jara t-travi u nduna li ma kienux ġew dritti u li ma kienux invellati sew. Ir-rikorrent qallu li ma setax jagħmilhom aħjar minn hekk imma ssuġġerixxa li jirranġa l-invelli bl-injam. Stqarr li peress li r-rikorrent ġieli għamel xi xogħolijiet b'sandwich panels hu ħaseb li dan is-suġġeriment kien tajjeb u għalhekk ħalla f'idejh. Hu qatt ma kien ħadem b'dawn il-panels qabel u allura ma kienx jaf kif jaħdmu eżatt.

vii. Wara li r-rikorrent reġa' qallu li x-xogħol kien miexi tajjeb u li kien kważi lest hu rega' mar jarah u nduna li x-xogħol xorta kien għadu mhux tajjeb. Għalhekk qabbad lill-perit Roderick Spiteri sabiex jiġi fuq il-post u jara x-xogħol kienx tajjeb. Il-perit ra x-xogħol u qallu li ma jistax jintuża injam bejn sandwich panels u travi tal-ħadid, u li l-qlib kien totalment ħażin.

viii. Iltaqgħu hu, il-perit Roderick Spiteri u r-rikorrent fuq il-post. Il-perit issuġġerixxa lir-rikorrent kif suppost kellu jsir ix-xogħol mill-bidu nett peress li r-rikorrent ma kienx qabbad perit għax-xogħol. Il-perit qal lir-rikorrent sabiex iġib bennej biex jitranġa l-qlieb kollu u jneħħi l-injam kollu li kien għamel.

ix. Peress li r-rikorrent kien qallu li x-xogħol kien tlesta, kien inkariga lil xi ħaddiema jgħaddu l-wires u jqabbdu sistema tas-CCTV. Għalhekk kellu jerġa' jqabbad electrician u technician sabiex jaqilgħu dak li kienu ġa nstallaw.

x. Stqarr li kien kellmu Bertram Pace bi prezz tax-xogħol li kellu jagħmel biex jitranġaw l-iżbalji tar-rikorrent. Hu qal lil Pace biex imexxi bix-xogħol li kienu ftehmu Pace u r-rikorrent.

xi. Hekk kif lesta Pace mix-xogħolijiet rimedjali, r-rikorrent rabat il-pannelli u nfurmah li kien lest. Madankollu, wara jumejn għamlet ix-xita u beda jidhol ammont ta' ilma ġewwa l-maħżen minn diversi postijiet. Hu ċempel lir-rikorrent li qallu li dan ma kienx jista' jkun. Ir-rikorrent mar fuq il-post wara ftit ġranet, ra l-ilma u nfurmah li kien ħa jagħmel xi tip ta' tape biex jiġi evitat l-ingress ta' ilma. Kif indikat fir-ritratt, dan it-tape li weħħel inqala. Ir-rikorrent ma riedx jerġa' jiġi biex isolvi l-problema għax qallu li ħela wisq ħin fuq il-proġett tiegħu.

xii. Fil-bidu ta' Diċembru 2019 kien għadu bl-istess problema, għamlet maltempata u bir-riħ għola s-saqaf u kisser il-ftit konkos li kien qiegħed iżomm it-travi f'posthom fuq il-pilastri li għamel Bertram Pace.

xiii. Stqarr li qabbad kuntrattur biex jirranġalu l-ħsara[14] liema xogħol kien swielu €3,481.

xiv. Qabbad ukoll lil Custom Metal Fabrications biex torbotlu t-travi mal-pilastri ħalli ma jerġax jogħla s-saqaf, liema xogħol kien ġie jiswa €1,327.50[15]; lil Brian Waterproofing għal membrane biex jagħlaq ix-xquq ta' madwar is-saqaf, liema xogħol kien swieħ €3,780[16]; u lil KGB Turnkey biex jerġa jiksi l-garaxx minn ġewwa fejn kien ħadem Pace, liema xogħol kien ġie jiswa €4,425[17]. Dan ix-xogħol tal-aħħar kien sar għat-tieni darba.

xv. Hu għalhekk ma jaqbilx li għandu jħallas lir-rikorrent l-ammont ta' €6,200 pendenti għax spiċċa jħallas ħafna iżjed f'tiswijiet u xogħol doppju, konsegwenza ta' xogħol mhux skont is-sengħa u l-arti min-naħa tar-rikorrent. Stqarr li għadu ma jistax juża l-garaxx bħala dry store.

xvi. Fir-rigward tax-xogħol li għamel Pace, dan għandu jitħallas mir-rikorrent għax kien hu li ma għamilx ix-xogħol sew u kif suppost mill-ewwel.

---

[14] Skont l-invoice mmarkata Dok. B a fol 68 u l-irċevuta a fol 69.
[15] Skont l-invoice mmarkata Dok. Ċ a fol 70.
[16] Skont l-invoice mmarkata Dok. D a fol 71 u l-irċevuta a fol 72.
[17] Skont il-quotation mmarkata Dok. E a fol 73 u l-irċevuta a fol 74.

xvii. Hu kien ddeċieda biex jagħmel is-saqaf biex jintuża bħala dry store imma issa jista' jużah biss bħala parking għat-trakkijiet. Stqarr li qed jitlef mal-€21,000 fis-sena minħabba nuqqas ta' kirjiet u xogħolijiet li kieku jista' joffri lill-klijenti tiegħu.

5. Fis-seduta tas-17 ta' April 2023, xehed l-intimat **Jonathan Vella** in kontro-eżami[18]:

i. Hu kkonferma li r-rikorrent kien issuġġerixxa li jsaqqaf bis-sandwich panels u li kien talbu jtella' erba' (4) pilastri l-istess għoli tad-dawra tal-garage. Ir-rikorrent kien kompla fuq ix-xogħol.

ii. Qal li ma kienx involva lill-perit Roderick Spiteri għax ir-rikorrent xtaq jieħu ħsieb kollox hu. Dan il-perit ma ndaħal fl-ebda mod għax ir-rikorrent ried jieħu l-inkarigu kollu f'idejh. Żied li x'ħin kien qed jinduna li ma kienx qed isir tajjeb ix-xogħol ħa parir mingħand il-perit tiegħu.

iii. Mistoqsi fiex daħal Bertram Pace, qal li meta ltaqaw hu, ir-rikorrent u l-perit tiegħu fuq il-post, il-perit kien qal li l-injam li tqiegħdu bejn is-sandwich panels u t-travi ma setgħux jintużaw fl-istrutturi bħal dawk in kwistjoni. Kien anke ssuġġerixxa biex ir-rikorrent jinvella t-travi biex ikun hemm biżżejjed qlib. Ir-rikorrent kien issuġġerixxa lil Bertram Pace għal dan ix-xogħol.

iv. Speċifika li Bertram Pace kellu l-inkarigu tiegħu għax ix-xogħol sar ħażin mal-ewwel. Li kieku x-xogħol sar tajjeb, kieku Bertram Pace ma kellux għalfejn jiġi. Bertram Pace kien bgħat il-prezz ta' kemm kellu jiġi x-xogħol lir-rikorrent, imbagħad lilu.

v. Mistoqsi minn din il-Qorti jekk il-prezz kienx intbagħat lilu bil-ħsieb li kellu jħallsu hu lil Bertram Pace, rrisponda li suppost dak il-prezz ta' Bertram Pace kellu jitnaqqas mill-kont finali. Żied li hu fehem li lil Bertram Pace kien qabbdu r-rikorrent biex jirranġa l-iżbalji tiegħu. Hu seta' jħallsu hu lil Bertram Pace imma l-ammont li ntalab iħallsu kellu imbagħad jitnaqqas mill-ammont finali li kellu jagħti lir-rikorrent la x-xogħol ma sarx tajjeb mir-rikorrent.

vi. Mistoqsi min kien ħall is-saqaf biex jitwaħħlu l-water gutters, qal li kien ir-rikorrent li ħall is-saqaf u dan biex Daniel Micallef ikun jista' iwaħħal il-water gutters.

[18] Fol 114-143.

vii. Mistoqsi jekk huwiex qed juża l-garaxx rrisponda fl-affermattiv, u li għalissa qed jipparkja trakkijiet u jqiegħed affarijiet temporanjament. Pero' l-garaxx kien ried jużah bħala dry store. Mistoqsi x'ried jagħmel fil-garaxx bħala dry store rrisponda li xtaq jużah għall-ħażna ta' għamara u affarijiet tal-klijenti tiegħu, affarijiet li ma jistgħux jixxarbu. Ammetta li qiegħed juża parti żgħira biss bħala dry store. Għalkemm il-garaxx qiegħed jintuża, stqarr li fin-nofs, fuq wara u fil-ġnubijiet ma jista' jagħmel xejn, u għalkemm ma kienx qed jużah daqs kemm xtaq.

viii. Mistoqsi jekk kellux iċ-ċertezza li lil Bertram Pace ma kellux jħallsu hu rrisponda li hu lest jħallsu imma imbagħad il-kont tiegħu kellu jitnaqqas minn dak finali.

ix. Mistoqsi jekk il-garaxx kienx ilu mibni ħamsin sena irrisponda fl-affermattiv.

x. Mistoqsi jekk kellux saqaf il-garaxx irrisponda fin-negattiv, u li dan kien bitħa.

xi. Mistoqsi jekk riedx soluzzjoni rħisa għall-garaxx irrisponda li ried soluzzjoni iżda mhux soluzzjoni rħisa kif kien ġie allegat.

xii. Mistoqsi għala ma użax konkos jew planki rrisponda li l-konkos tużah biex tibni fuqu, u li hu ma kellux għalfejn jagħmel konkos jew planki għax ma riedx jibni fuqu.

xiii. Mistoqsi jekk kienx kuntent bl-għażla ta' sandwich panels irrisponda fl-affermattiv.

xiv. Mistoqsi jekk kienx jaf li r-rikorrent ma kienx kuntent, irrisponda fl-affermattiv u żied li r-rikorrent kien serraħlu rasu li għamel ħafna soqof bħal tiegħu u għalhekk ħalla f'idejh.

xv. Mistoqsi dwar il-materjal tas-sandwich panels qal illi r-rikorrent kien xtara l-materjal kollu hu, u li hu ma jafx minn fejn tixtri l-materjal. Ir-rikorrent kien qallu li se juża truss imbagħad uża travi minflok, u li kien ser isaqqaf bis-sandwich panels imbagħad jagħmel il-gutters. Il-perit tiegħu ma kienx involvih biex jara jekk il-prodotti li kien qed jirrakomanda r-rikorrent kienux sufficjenti, u ħalla kollox f'idejn ir-rikorrent.

xvi. Mistoqsi jekk is-saqaf huwiex jaqdi dak li suppost għandu jagħmel irrisponda fin-negattiv.

xvii. Mistoqsi jekk jifhimx fil-kostruzzjoni rrisponda fin-negattiv.

xviii. Mistoqsi jekk hu kienx afda fir-rikorrent irrisponda fl-affermattiv. Meta kien bil-ħsieb li jsaqqaf il-garaxx kien saqsa lir-rikorrent jagħmilx ix-xogħol u rrispondih fl-affermattiv u li kemm-il darba saqqaf bis-sandwich panels.

6. Fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2021 ġie prodott jixhed il-**Perit Roderick Spiteri** in eżami[19]:

i. Mistoqsi jispjega x'kien l-involviment tiegħu fir-rigward tal-maħzen tar-Raħal Ġdid fuq Għajn Dwieli, qal li wara li kien avviċinah l-intimat kien għamillu l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jagħmel saqaf fuq il-yard eżistenti li kellu. L-intimat talbu wkoll biex jagħmillu structural drawing biex ikun jista' isaqqaf dan il-yard. Din l-istructural drawing kienet tikkonsisti f'kolonni tal-konkos, travi tal-konkos u flanki, soqfa tal-flanki biex hu jkun jista` jġib il-quotations. L-intimat kien ġab il-quotations mingħand il-kuntratturi u wara ftit kien qallu li bil-konkos kien qed jarah li ġej għoli u li kien iddeċieda li jagħmel kollox light weight u li kien sab lil kuntrattur li ħa joħodlu ħsieb kollox hu min-naħa tiegħu.

ii. Qal li r-rikorrent qal lill-intimat li kien ħa jqabbad il-perit tiegħu biex jiddiżinjalu stil truss biex isaqqaf il-yard. Hu min-naħa tiegħu qal lill-intimat li ma jsibx problemi illi jitqabbad persuna illi hija iffukata fuq dan it-tip ta' dettall għaliex fil-każ tiegħu struttura fejn jidħol stil truss qatt ma kien ħadem.

iii. Wara xi żmien kien avviċinah l-intimat u qallu li fil-bitħa kien lestielu x-xogħol imma kien qed jidħollu l-ilma. Sa dak il-ħin hu kien għadu ma jafx li l-intimat kien beda x-xogħolijiet.

iv. Meta mar fuq il-post in kwistjoni sab li l-istruttura kienet lesta, imma minflok stil truss kif kien qal illi ħa jaħdem l-intimat ħadem bit-travi. X'ħin ra t-travi ħares lejn il-kuntrattur ossia r-rikorrent li kien fuq il-post u saqsieh min taħ it-travi. Ir-rikorrent kien irrisponda li hu qabbad il-perit tiegħu, u hu reġa' saqsieh

[19] Fol 50a-50j.

jekk kienx il-perit li taħ it-tip ta' travi li ntużaw. Ir-rikorrent kien irrisponda li l-perit tiegħu kien taħ it-travi.

v. Hu sab difetti fejn kien hemm is-sandwich panels illi kienu qegħdin *spent between steel beams* illi mbagħad fuqhom, b'sens ta' lapazz fl-opinjoni tiegħu, kien hemm l-injam bejn il-ħadid u s-sandwich panels biex r-rikorrent jipprova jgħolli l-inklinar tas-sandwich panels.

vi. Spjega li meta jsir it-tip ta' xogħol bħal ma sab hu, għandek it-travu tal-ħadid, l-injam u s-sandwich panels illi qed jagħmlu *expansion* u *contraction*, kollha b'*co-officience* differenti u meta jagħmlu l-moviment joħolqu stresses fl-istruttura u jikkawżaw ġieli anke konsenturi minn fejn jista' jithol l-ilma. Infatti meta daħlu għand il-ġirien huma raw illi s-saqaf fin-nofs ma kienx inklinat imma qiegħed nieżel l-isfel. Ippreċiża li skontu s-saqaf ma ngħatax inklinatura biżżejjed u li l-injam ma kienx il-metodu tajjeb biex jikkoreġi l-iżball. Hu nnota difett ieħor li kien in-nuqqas ta' *water gutter,* għalhekk meta jkun hemm ammont kbir ta' ilma li nieżel awtomatikament bl-ispeed tiegħu jibda jċarċar mal-ħajt. Kien tal-parir li jsir *water gutter* biex l-ilma li jkun nieżel jinġabar u jinżel b'mod ordinarju l-isfel minn fuq is-saqaf.

vii. Qal ukoll li x-xogħol sar mingħajr l-istruzzjonijiet u l-gwida tiegħu.

7. Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2021 kompla jixhed il-**<u>Perit Roderick Spiteri</u>** in eżami[20] u ppreżenta kopja tal-commencement notice bħala Dok. RSX li ġġib il-commencement date bħala l-20 ta' Marzu 2018. Bħala bennej fuq il-formola hu xehed li dan kien immarkat ċertu Jason Bonavia li ma kellux x'jaqsam max-xogħolijiet mertu tal-kawża odjerna.

8. Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, ġie ppreżentat l-affidavit ta' **<u>John Frendo</u>**[21] li pero' ma spjegax l-involviment tiegħu fil-każ. Dan stqarr li Imaddedin Hasan, li kien qed jaħdem fil-fond tal-intimat kellu bżonn xi għajnuna meta kien ikun fuq l-iscaffolding hu u jħaffer il-ħofor għat-travi. Ir-rikorrent kien jiġi fuq il-post diversi drabi biex jgħid lil Hasan fejn ried jagħmel it-toqob u kull darba li ġie kien qallu biex jibdel il-pożizzjoni tagħhom. Dan ma kienx għax Hasan kien qiegħed jagħmilhom ħżiena imma għax ir-rikorrent kien qiegħed ikejjel fuq għajnejh u kien sempliċiment juri lil Hasan b'idejh fejn kien irid it-toqob.

[20] Fol 52-53.
[21] Fol 109.

9. Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Imadeddin Salem Hassan**[22] u stqarr li meta beda x-xogħol biex jirranġa l-faċċata ta' No. 2, Triq l-Għaqdiet tal-Ħaddiema, Paola, l-intimat kien talbu jagħmel xi toqob ġol-ħajt biex jistrieħu xi travi fuqhom. Ir-rikorrent kien ġie fuq il-post u mmarka fejn ried it-toqob, pero' kien ġie xi tliet darbiet ibiddel fejn kellhom jiġu t-toqob, anke wara li kien diġa għamilhom u serraħ it-travi. Dan ma kienx għax kien għamel it-toqob ħżiena hu imma għax ir-rikorrent ma kienx ikejjel sew. L-intimat kien ħallsu għax-xogħol tiegħu.

10. Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Daniel Micallef**[23] fejn stqarr li hu s-sid ta' Custom Metal Fabrications, u li f'Diċembru 2019 kien kellmu l-intimat għax kellu s-saqaf ta' No.2, Triq l-Għaqdiet tal-Ħaddiema, Paola li kien għola bir-riħ. Hu inforzah permezz ta' angle bars u rabtu mal-kolonni eżistenti. L-intimat kien ħallsu €1,327.50 għax-xogħol.

11. Ġie ppreżentat ukoll l-affidavit ta' **Keith Balzan Gera**[24] permezz ta' nota fit-13 ta' April 2023 fejn stqarr li hu s-sid ta' KGB Turnkey. Bejn Novembru u Diċembru 2019 kien kellmu l-intimat fuq il-garaxx tiegħu f'Raħal Ġdid. Meta mar ra li kien hemm xogħol ta' kisi li kien ġie maqlugħ u li ma kienx tlesta. Hu għamel xogħol tul il-garaxx fejn kien ħadem Bertram Pace, min-naħa ta' ġewwa. Kien ta l-kisi għat-tieni darba minħabba li Pace kien qala s-saqaf. Kesa wkoll l-ewwel żewġ filati ta' kull pilastru u ta r-resin membrane għax ix-xogħol ma kienx sar sew. F'April 2020 reġa kellmu l-intimat wara li għola s-saqaf bil-maltemp u r-riħ. Fuq il-post sab li l-konkos li kien qed iżomm it-travu f'postu kien inkiser, u t-travi ma baqgħux siguri. Hu iġġakkja t-travi, reġà għamel is-shutter u ta l-konkos. Reġà kesa u ta ż-żebgħa biex jirranġa x-xogħol li kien sar qablu.

12. Fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023, xehed **Keith Balzan Gera** in kontro-eżami[25]:

    i. Mistoqsi x'inhu xogħol KBG irrisponda li jagħmlu xogħol ta' turnkey, kostruzzjoni apparti l-finishes. Għandu wkoll ħaddiema bil-permess ta' bennej.

    ii. Mistoqsi kif kien jaf li Bertram Pace kien għamel xi xogħol qablu rrisponda li miegħu ma ltaqax għax hu daħal biex jirranġa l-iżbalji li għamel hu.

[22] Fol 110.
[23] Fol 111.
[24] Fol 112.
[25] Fol 144A-144B.

iii. Mistoqsi jekk kienx l-intimat li qallu x'xogħol kien għamel Bertram Pace rrisponda fl-affermattiv.

iv. Mistoqsi jekk għamilx testijiet fuq il-konkos biex jara l-grading irrisponda li testijiet ma għamilx pero' hekk kif ra x-xogħol induna li ma kienx sar skont is-sengħa. It-travi li kienu suppost il-bażi tas-saqaf ma kienux saru sew u kellhom jiġu nvellati qabel.

13. Fid-19 ta' Ottubru 2020 ġie ppreżentat l-affidavit ta' **<u>Bertram Pace</u>**. Dan qal *inter alia* s-segwenti:

i. Pace qal li jaħdem fil-qasam tal-kostruzzjoni u li sal-aħħar tas-sena 2018 kien jaħdem għal rasu. Mill-2019, beda jaħdem bi sħab ma' terza persuna.

ii. Huwa sar jaf lil Massimo Mamo madwar sentejn u nofs jew tliet snin ilu meta kien qed jaħdem fuq biċċa xogħol f'Ħal Luqa.

iii. Dwar ix-xogħol li wettaq għand Jonathan Vella, Pace iddikjara li Massimo kien ċempillu u qallu li kien irrakkomandah għal biċċa xogħol f'maħżen bl-isem William Transport fi Triq Wied Blandun, kantuniera ma' Triq il-Vittmi tax-Xogħol f'Raħal Ġdid, u staqsieh jekk kienx interessat jagħmel dan ix-xogħol. Wara li ftehmu, Pace mar jara l-maħżen flimkien ma' Massimo. Massimo qallu li l-maħżen kien ta' Jonathan Vella u li x-xogħol li kellu jsir kien jikkonsisti fil-qlugħ ta' filata biex jitbaxxa s-saqaf u jitbaxxew xi travi. Waqt li kienu fuq il-post, Massimo ċempel lil Jonathan u qallu li x-xhud seta' jagħmel ix-xogħol u staqsieh meta seta' jibda. Jonathan wieġeb li seta' jibda f'Novembru 2018.

iv. F'din it-telefonata, Massimo staqsa lil Jonathan jekk il-kont tax-xogħol kienx ser jitħallas minnu, u Jonathan ikkonferma li kien huwa stess li kien ser iħallsu. Pace kien jinsab qrib Massimo waqt din it-telefonata u għalhekk seta' jisma' dak kollu li kien qed jintqal, inkluż dak li qal Jonathan. Ftehmu li kellu joħroġ stima u jippreżentaha lil Jonathan, iżda minflok għaddieha lil Massimo għax ma kellux in-numru ta' Jonathan. L-istima kienet ta' €3,300 eskluż il-VAT.

v. Jonathan aċċetta l-istima u Massimo ħa ħsieb ilaqqagħhom. Iltaqgħu fil-maħżen u minn dak il-mument, Pace beda jikkomunika biss u direttament ma' Jonathan. Massimo ma baqax involut fil-kwistjoni, peress li l-uniku rwol tiegħu kien li jlaqqagħhom għal skopijiet ta' negozju.

vi. Ix-xogħol beda f'Novembru 2018 u spiċċa fl-istess xahar, fejn dam madwar ġimgħa u nofs. Lejn l-aħħar tax-xogħol, l-intimat ċempel lil Pace u talbu biex jagħmillu biċċa xogħol oħra. F'din it-tieni biċċa xogħol, l-intimat xtaq li titneħħa filata tal-ġebel u ssir tal-konkos sabiex is-saqaf ikollu l-qlib.

vii. Pace ħareġ stima għal din it-tieni biċċa xogħol li kienet ta' €1,500 esklużż il-VAT. L-intimat aċċetta l-istima u Pace beda jagħmel it-tieni biċċa xogħol.

viii. Ftit jiem wara li temm it-tieni biċċa xogħol, Pace ċempel lill-intimat biex iħallsu kemm għall-ewwel kif ukoll għat-tieni biċċa xogħol iżda dan wieġbu li hu ma kienx ser iħallas, peress li skontu l-kont kellu jitħallas minn Massimo Mamo.

ix. Pace sar jaf bil-kwistjoni bejn l-intimat u Massimo Mamo wara li temm ix-xogħol kollu u l-intimat ma riedx iħallsu. Pace informa lill-intimat li l-ftehim kien sar miegħu u mhux ma' Massimo Mamo, peress li dan tal-aħħar kien biss dak li laqqagħhom. Wara l-laqgħa inizjali, filfatt Pace kien beda jieħu l-istruzzjonijiet biss mingħand l-intimat u l-perit tiegħu, Roderick Spiteri. Iż-żewġ stimi li ħareġ Pace ġew aċċettati mill-intimat u dan qatt ma qallu li l-ħlas tiegħu kellu jsir minn Massimo Mamo. Li kieku l-intimat ma aċċettax dawn l-istimi, Pace ma kienx ser jibda x-xogħol.

x. Ix-xogħol li wettaq Pace ġie ċċertifikat mill-perit Roderick Spiteri bħala xogħol ta' kwalità tajba.

xi. Peress li l-intimat baqa' ma ħallsux, Pace mar għand avukat, u fl-10 ta' Ġunju 2019 intbagħtet ittra legali lill-intimat Jonathan (Dok. A) għall-ħlas. L-ammont dovut lil Pace mill-intimat għax-xogħol kollu li wettaq fil-maħżen tiegħu huwa dak ta' €5,664 inkluż il-VAT. Dan l-ammont għadu pendenti sal-lum.

14. Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2023, xehed **Bertram Pace**[26] in kontro-eżami:

i. Mistoqsi x'kienu x-xogħolijiet li ġie mqabbad biex jagħmel fil-proġett in kwistjoni rrisponda li kellu jirranġa t-travi.

ii. Mistoqsi min kien spjegalu x'għandu jsir bħala xogħolijiet irrisponda li inizjalment kien ir-rikorrent imma imbagħad l-għada kien spjegalu ukoll l-intimat.

---

[26] Fol 151-152.

iii. Mistoqsi x'kien sab meta beda x-xogħol qal li t-travi ma kienux kif suppost għax ma kienux jaqilbu tajjeb minħabba l-ilma.

iv. Mistoqsi x'kien il-livell ta' xogħol li kien sab qal li ma jaħsibx li kien tajjeb la mar jirranġa hu.

**Kunsiderazzjoni: ġenerali**

15. Huwa evidenti li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' appalt, regolat fil-liġi taħt l-Art. 1633 et. seq. tal-Kodiċi Ċivili, li permezz tiegħu r-rikorrent bħala appaltatur intrabat li jwaħħal travi, sandwich panels u gutters fil-proprjeta tal-intimat qua' appaltant:

> **'1633. Meta wieħed jiġi mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal.'**

16. Id-difiża fil-mertu postulata mill-intimat fir-risposta tiegħu hi li l-ebda ammont m'hu dovut lir-rikorrent għaliex ix-xogħol li tiegħu qiegħed jippretendi l-ħlas ir-rikorrent ma sarx skont is-sengħa u l-arti u għadu ma tlestiex b'dan illi x-xogħol li tlesta in parti sar minn terza persuna u ċioe Bertram Pace li tqabbad mir-rikorrent sabiex jagħmel xogħolijiet rimedjali wara li sar ix-xogħol tar-rikorrent. Barra minn hekk, l-intimat ressaq kontrotalba fejn talab li jiġi riżarċit d-danni minnu sofferti minħabba xogħol doppju fil-kisi u żebgħa tal-pilastri u tal-ħitan ta' ġewwa u ta' barra, kif ukoll spiża tal-cameras li kellhom jerġgħu jitwaħħlu.

17. Kif ingħad fis-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet **Isaac Aquilina v. Carmen Zammit** (Avv. Nru. 572/2018 KCX, deċiża 05/11/2020):

> "Konvenut f'gudizzju jista' jillimita ruhu li jinterponi deduzzjonijiet, maghrufa bhala eccezzjonijiet, relattivi ghall-fatti guridici pretizi mill-attur avversarju, liema eccezzjonijiet – skond id-duttrina – jistghu jkunu negazzjonijiet assoluti (i.e., dawk li jtendu lejn l-inezistenza ta' xi fatt jew rekwizit kostitutiv ta' l-azzjoni) jew negazzjonijiet relattivi (i.e., dawk li jtendu li jistabbilixxu l-ezistenza ta' xi fatt li jimpedixxi jew jestingwi l-azzjoni). F'tali sitwazzjonijiet, il-konvenut jillimita r-rikjesta tieghu solament ghac-cahda tad-domanda attrici, izda ma jalterax ir-rapport processwali, galadarba l-oggett tal-procediment jibqa' immutat u l-petitum invarjat. Hawnhekk, min hu tenut jiggudika hu f'dover li jirrestringi l-indagni u d-decizjoni tieghu ghal kontroversja wahda u unika – dik proposta mill-parti attrici. Addizzjonalment, anke jekk konvenut jintroduci fil-procediment xi kwestjonijiet godda, izda dejjem bil-fini li t-talba attrici tigi rigettata (bhal per ezempju, l-eccezzjoni ta' intempesitività jew dik tal-kontradittur legittimu jew dik ta' inademplenti contractus), tali

deduzzjonijiet/eccezzjonijiet jibqghu ristretti ghad-decizjoni tat-talba introdotta mill-parti attrici. Fi kliem iehor, ghalkemm ikun hemm trattazzjoni ta' tematici jew kwistjonijiet plurimi, il-kawza tibqa' wahda, u cioè dik inizjata mill-attur;

Jekk il-parti konvenuta tistenna oltre, hi tehtieg testendi l-indagni tal-vertenza u dan taghmlu billi tressaq it-talbiet ghaliha relattivi u pertinenti. Izda dawn ma jiehdux il-forma ta' eccezzjonijiet, izda ta' talbiet veri u proprji. F'tali sitwazzjoni, il-konvenut ghandu jipprevalixxi ruhu minn dak previst taht l-Art. 4(1)(iii) u l-Art. 5 tal-Ligi Sussidjarja 380.01 (jew taht l-Art. 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u jipproponi talba rikonvenzjonali. Bid-domanda rikonvenzjonali – li hi azzjoni awtonoma mqanqla mill-konvenut kontra l-attur fl-istess procediment gudizzjarju digà mibdi il-konvenut jittenta jissupera l-limiti tar-rikjesta tieghu ghar-rigett tad-domanda principali u jitlob lill-Qorti provvediment (decizjoni) a se stante u ulterjuri favur tieghu."

18. Fl-azzjoni odjerna, il-linja difensjonali tal-intimat hu li jittenta jġib fix-xejn it-talbiet tar-rikorrent billi jikkontesta l-azzjoni tiegħu bl-"*exceptio inadimpleti contractus*" ibbażata fuq il-prinċipju "*inadimplenti non est adimplendum*" ossia illi peress illi r-rikorrent naqas milli jeżegwixxi l-obbligazzjonijiet tiegħu huwa m'għandux jistenna l-ħlas tal-bilanċ altrimenti dovut lilu. Magħdud ma' din id-difiża saret kontrotalba mill-intimat bi pretiża għall-likwidazzjoni ta' danni li setgħu ġew ikkawżati lilu minħabba eżekuzzjoni ħażina ta' xogħol magħmul mhux skont is-sengħa mir-rikorrent u xogħol doppju li kellu jerġa' jsir mill-intimat.

19. Fis-sentenza appena ċitata, t-Tribunal għal Talbiet Żgħar qal is-segwenti dwar l-*exceptio inadimpleti contractus*:

"L-istess eccezzjoni hi bbazata fuq il-principju ekwitattiv ta' "*frustra sibi fidem serbare adeo quis postulat qui fidem a se præstatem servare recusat*" (vide d-decizjoni **Dr. Sir Ugo P. Mifsud noe v. Guido Abela noe** (Appell Kummercjali, 28 ta' Ottubru, 1935) u titnissel mill-principju generali ta' dritt "*inadimplenti non est adimplendum*", u permezz taghha l-kontraent li jigi azzjonat ghax-xoljiment tal-kuntratt jew ghall-ezekuzzjoni tieghu, ghandu jedd li, "*ope exceptionis*", jottjeni r-rikonoxximent "*ex tunc*" tad-dritt tieghu li jissospendi l-esekuzzjoni minn naha tieghu sakemm l-attur jibqa' hu wkoll inadempjenti, ossia li jitlob "*la eliminazjione dei vizi da parte dell'appaltatore o la riduzione del prezzo, e/o il risarcimento del danno*" (MAURO RUBINOSAMMARTANO, "Appalti di Opere e Contratti di Servizzi", CEDAM 2006, 2a edizione; §21.2, p. 485). B'hekk, f'kaz li l-eccezzjoni tinstab fondata, l-konvenut jirnexxielu jipparalizza l-azzjoni mressqa kontrih.

Tajjeb li jigi precizat li fis-sistema tal-ligi Maltija – tnehhi forsi l-Art. 1391 tal-Kodici Civili u l-ewwel zewg sub-incizi ta' l-Art. 1392 tal-istess Kodici, entrambi relattivi ghall-istitut li

jittratta "Fuq il-Bejgh" – ma nsibu l-ebda disposizzjoni specifika koncernanti l-eccezzjoni ta' l-inadempjiment, kuntrarjament kif insibu fil-Kodici Civili Taljan, taht l-Art. 1460 tieghu. Ciononostante, hu pacifikament akkolt illi tali eccezzjoni "*tista' tigi sollevata b'mod generali relativament ghall-kuntratti sinallagmatici jew korrispettivi kollha, u mhux biss fejn il-ligi tipprovdi ghaliha specifikatament, u b'barra minn dan l-eccezzjoni tista' tigi sollevata anke indipendentement mid-dritt tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt bis-sahha tal-patt kommissorju tacitu*" (**Carmelo Cremona ghal 'Muscat General Stores' v. Victor Angilieri**, Prim'Awla, 11 ta' Ottubru, 1966; mhux pubblikata). Din l-eccezzjoni hi ghalhekk mahsuba biex takkorda rimedju lil dak li jkun kontra r-riskju ta' l-inadempiment da parti ta' dak il-haddiehor li mieghu kien ikkuntratta. F'dan is-sens hi orjentata l-gurisprudenza domestika. Gwida apprezzevoli ghall-insenjamenti kontenuti fiha, hi s-sentenza in re **Emmanuele Aquilina v. Salvatore Aquilina et** (Appell Kummercjali, 12 ta' Marzu, 1965; mhux pubblikata). Fiha jinghad illi, "*din l-eccezzjoni hi poter moghti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista' jastjeni ruhu milli jadempixxi l-prestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni... ...*

Biex eccezzjoni bhal din tkun tista' tigi akkolta, jehtieg li jirrikorru, skond il-gurisprudenza lokali u dik Taljana ... numru ta' kundizzjonijiet, u cioè:

a. l-ewwelnett jehtieg li si tratta ta' obbligazzjonijiet korrispettivi fiz-zewg kontraenti radikati fl-istess rapport sinnalagmatiku bejniethom, cioè li l-inadempjenza ta' l-attur li jagixxi ghall-ezekuzzjoni tkun tolqot xi obbligu tieghu li jkun parti integrali tal-ftehim.

b. madanakollu – bhala parentezi ghall-ewwel punt appena maghmul – lanqas ma huwa eskluz li, f'cirkostanzi xierqa, zewg kuntratti (jew aktar) awtonomi bejn l-istess persuni jigu kunsidrati unitarjament, specjalment meta il-kawzali jew finalità ekonomika taghhom tkun wahda, hekk kif tissenjala ggià citata decizjoni in re **Carmelo Cremona ghal 'Muscat General Stores' v. Victor Angilleri**.

ċ. it-tieni kundizzjoni hija li l-inadempjenza allegata mill-konvenut trid tkun verament imputabbli lill-attur u mhux (lil hinn minn forza magguri u ragunijiet ohra estranei ghalih) provokata mill-inadempjenza tal-konvenut innifsu.

d. fl-ahhar, izda mhux lanqas, trid tirrikorri l-kondizzjoni tal-proporzjonalità jew adegwatezza bejn l-inadempjenza attribwita lill-attur u dik tal-konvenut, cioè li n-nuqqas ta' l-attur, relattivament ghall-prestazzjoni li hu jezigi minghand il-konvenut, ikun ta' certa gravità.

e. inoltre, taht il-Kodici Civili Taljan il-gdid, il-htiega tal-presenza ta' l-istess estrem giet ribadita mill-Qorti Suprema Taljana fit-18 ta' April, 1952 (decizjoni nru. 1042) fejn gie asserit li, "*Quando l'inadempimento non è grave, l'eccezione di inadempienza non è di buona fede*" (cfr "Foro Italiano: Massime" 1952; p. 262). Tali estrem tal-bona fidi hu espress fil-kapovers ta' l-Art. 1460 fuq indikat illi jaqra hekk: "*Tuttavia non può rifiutarsi l'esecuzione se, avuto riguardo alle circostanze, il rifiuto è contrario alla buona fede*." ..."

20. L-istess rekwiżiti ġew meqjusa neċessarji f'diversi sentenzi oħra mogħtija mill-Qrati tagħhna fosthom fis-sentenza **Easysell Caterers (Gozo) Limited v. Benjamin Bonello et.** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 06/05/2010, Ċit. 27/2006 PC) u f'dik fl-ismijiet **Panta Marketing and Services Limited v. Joseph Brincat** (Qorti tal-Appell, 28/06/2011, App. Ċiv 35/2010 RCP).

21. Ġie inoltre ritenut fil-ġurisprudenza illi:

"huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[27].

22. Ikun xieraq illi jiġi mfakkar mill-Qorti illi għalkemm l-appalt huwa regolat b'mod speċjali taħt l-Art. 1633 et. seq tal-Kap. 16, fejn il-liġi ma tgħidx mod ieħor huwa xorta waħda regolat ukoll taħt dawk id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw l-kuntratti u l-obbligazzjonijiet b'mod ġenerali. *In primis*, kuntratti t'appalt għandhom is-saħħa ta' liġi għall-partijiet kontraenti (Art. 992(1)), għandhom jiġu eżegwiti bil-*buona fede* (Art. 993) u japplika għalihom ukoll il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda* "billi ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi. (Art. 992(2)".

23. Inoltre l-liġi tipprovdi li kull min jonqos li jwettaq xi obbligazzjoni li jkun intrabat li jagħmel, għandu jagħmel tajjeb lill-parti l-oħra billi jħallasha d-danni li din setgħet ġarrbet minħabba dak in-nuqqas (Art. 1125). Il-kreditur jista' jiġi mogħti s-setgħa ukoll li jieħu ħsieb jesegwixxi dik l-obbligazzjoni huwa nnifsu bi spejjeż tad-debitur (Art. 1127 tal-Kap 16). Fejn jiġri li min kellu jwettaq obbligazzjoni jonqos li jwettaqha jew ma jagħmilhiex fil-ħin miftiehem, dan jista' jiġi wkoll ikkundannat jagħmel tajjeb għad-danni li jikkawża lill-kreditur tiegħu, ukoll jekk dan in-nuqqas iseħħ mingħajr mala fidi, sakemm id-debitur ma jseħħlux juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien biex iwettaqha ġraw minħabba xi ħaġa barranija li

[27] **Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et** (P.A. MCC 09/04/1968 mhix ippubblikata) kif ċitata fis-sentenza **Alexander Bonello noe v. Phoenix Co. Ltd** (PA, Ċit 2501/1999/1 JRM, deċiża 25/09/2003)

huwa ma kellux setgħa fuqha (Art. 1133), bħal fil-każ ta' forza maġġuri jew aċċident. Huwa mogħti wkoll lill-persuna kreditriċi tal-obbligazzjoni li titlob it-tneħħija tal-ħaġa li saret bi ksur tal-obbligazzjoni u dan ukoll bi spejjeż ta' min suppost wettaqha (Art. 1129).

**Kunsiderazzjoni: jekk ir-rikorrent kienx inadempjenti**

24. Issa biex il-Qorti tkun tista' tikkunsidra jekk kienx hemm xi ksur ta' obbligazzjonijiet min-naħa tar-rikorrent, qabel xejn trid ta' bilfors tidentifikahom. Mill-provi ma rriżultax li kienet ġiet iffirmata xi skrittura bejn il-partijiet li telenka x-xogħol li kellu jsir u għalhekk din il-Qorti ser tirrikorri għax-xhieda mogħtija mill-partijiet. Ir-rikorrent fl-affidavit tiegħu speċifika illi l-intimat kellu bitħa li ried jaqlibha għal maħżen u kien talab lir-rikorrent sabiex jagħmillu x-xogħol tal-ħadid fiha u ċioe s-saqaf, it-travi u sandwich panels.[28] L-intimat xehed illi hu kien qabbad lir-rikorrent biex jagħmillu saqaf u dak kollu li jinvolvi miegħu biex jgħatti l-bitha li kellu, liema xogħol r-rikorrent kien qallu li jinvolvi li jqiegħed it-travi, jinvella u jqiegħed it-travi u jagħmel is-saqaf komplut.[29] Mix-xhieda tal-intimat[30] u anke minn messaġġi li ġew ippreżentati kemm bħala Dok. B[31] u anke bħala Dok. MM1[32] joħroġ biċ-ċar illi l-prezz maqbul għal dan ix-xogħol hawn fuq imsemmi kien dak ta' €31,200.

25. Il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-lamenteli diversi li tqajjmu mill-intimat sabiex tqis jekk kienx hemm inadempjenza kuntrattwali min-naħa tar-rikorrent. L-intimat stqarr li meta hu nduna li x-xogħol ma kienx ġej tajjeb għat-tieni darba – u dan wara li kien ġa rrimarka mar-rikorrent li t-travi ma kienux ġew dritti u ma kienux invellati sew u r-rikorrent kien għamel l-injam bejn is-sandwich panels u t-travi tal-ħadid biex iġib l-invell – hu kien qabbad lill-perit tiegħu Roderick Spiteri sabiex jara x-xogħol.[33] Meta mar fuq il-post, il-perit Spiteri kien avżah li l-injam bejn is-sandwich panels u t-travi tal-ħadid ma kienx tajbin, apparti li l-qlib kien totalment ħażin. Waqt laqgħa bejn il-perit Spiteri, l-intimat u r-rikorrent, il-perit kien qal lir-rikorrent sabiex iġib bennej biex jitranġa l-qlieb kollu u jneħħi l-injam kollu li kien għamel.[34] Ir-rikorrent innifsu kkonferma li ntqal dan il-kliem.[35]

---

[28] Fol 28 etc.
[29] Fol 31.
[30] Fol 33.
[31] Fol 10.
[32] Fol 28 etc.
[33] Fol. 36 u fol. 65.
[34] Fol. 65.
[35] Fol. 27.

26. Il-perit Roderick Spiteri kkonferma diversi drabi li x-xogħol li kien ġie mwettaq mir-rikorrent ma kienx skont is-sengħa u l-arti. F'dokument imħejji minnu hu kiteb illi:

> **"On site visit it was immediately observed that the executed works were clearly unprofessional and not up to standard. The roof was not laid properly to falls and the sandwich panels were not appropriately connected... when the contractor noticed that the sandwich panels were not laid properly to falls, he added timber struts between the panels and the iron beams to try to achieve the required levels; However by doing this, he complicated further the situation further since the three different elements have difference expansion coefficients, and thus it enhances movements in the ceiling. All this resulted into the flooding of the whole area after the first rainfall.".**[36]

27. Fix-xhieda tiegħu, il-perit Spiteri qal li meta mar fuq il-post hu sab difetti fejn kien hemm is-sandwich panels illi kienu qegħdin *spent between steel beams* illi mbagħad fuqhom, b'sens ta' lapazz fl-opinjoni tiegħu, kien hemm l-injam bejn il-ħadid u s-sandwich panels biex r-rikorrent jipprova jgħolli l-inklinar tas-sandwich panels.[37] Ippreċiża li skontu s-saqaf ma ngħatax inklinatura biżżejjed u li l-injam ma kienx il-metodu tajjeb biex jikkoreġi l-iżball. Hu nnota difett ieħor li kien in-nuqqas ta' *water gutter,* għalhekk meta jkun hemm ammont kbir ta' ilma li nieżel awtomatikament bl-ispeed tiegħu jibda jċarċar mal-ħajt.[38]

28. Minħabba d-difetti hawn fuq imsemmija, Bertram Pace – ir-rikorrent fil-kawża l-oħra – ġie nkarigat biex jagħmel xi xogħol rimedjali. Ir-rikorrent innifsu kkonferma illi x-xogħol li sar minn Bertram Pace kienu ta' rimedju għax-xogħol li kien seħħ qablu.[39]

29. L-intimat speċifika li jumejn wara li r-rikorrent rabat il-pannelli (u ċioe anke wara tlestew ix-xogħolijiet rimedjali minn Bertram Pace) u nfurmah li kien lest mix-xogħol kienet għamlet ix-xita u beda jidħollu ammont ta' ilma ġewwa l-bitħa li kienet ġiet imsaqqfa mir-rikorrent.[40] L-intimat kien informa lir-rikorrent b'dan, u r-rikorrent kien mar iwaħħal xi tape sabiex jiġi evitat l-ingress ta' ilma. Pero', skont l-

---

[36] Fol. 9.
[37] Fol. 50F.
[38] Fol. 50G.
[39] Fol. 27.
[40] Fol. 65.

intimat u r-ritratti esebiti minnu, tali tape inqala[41]. Skont l-intimat ukoll, ir-rikorrent ma riedx jerġa' jmur biex isolvi l-problema tal-ingress tal-ilma.[42]

30. Fil-bidu ta' Diċembru 2019 is-saqaf għola u kisser il-ftit konkos li kien qiegħed iżomm it-travi f'posthom fuq il-pilastri li kien għamel Bertram Pace, minbarra li l-intimat kien għadu bl-istess problema ta' ingress tal-ilma. Minħabba f'hekk, l-intimat kien kostrett li jqabbad persuni oħra sabiex jipprova jirranġa l-ħsara u ċioe lil:

- KBG Turnkey sabiex jirranġalu l-ħsara għall-ammont ta' €3,481, u wkoll sabiex jinkesa l-garaxx minn ġewwa fejn kien ħadem Bertram Pace għall-ammont ta' €4,425[43];
- Custom Metal Fabrications sabiex jintrabtu t-travi mal-pilastri għall-ammont ta' €1, 327.50[44]; u
- Brian Waterproofing sabiex jgħalaq ix-xquq ta' madwar is-saqaf bil-membrane għall-ammont ta' €3,780[45].

31. L-intimat esebixxa ritratti li juru l-ingress tal-ilma, u anke il-konkos imkisser li kien qiegħed iżomm it-travi.[46]

32. Ix-xogħol li kellu jsir minn Custom Metal Fabrications ta' infurzar tas-saqaf tal-garaxx u l-prezz li ħallas l-intimat għal tali xogħol ġew ikkonfermati minn Daniel Micallef.[47] Il-Qorti tinnota li ma sar l-ebda kontroeżami ta' Daniel Micallef.

33. Ix-xogħol li kellu jsir minn KBG Turnkey ta' kisi, resin membrane, gakkjar tat-travi, tlestija ta' xutters u konkos ġie kkonfermat minn Keith Balzan Gera.[48] Waqt il-kontroeżami tiegħu spjega li għalkemm ma għamilx testijiet fil-grading tal-konkos hu kien induna li x-xogħol ma sarx kif titlob is-sengħa. Qal ukoll li t-travi ma kienux nvellati qabel ma sar is-saqaf.[49]

34. Affrontat bil-kontrotalba tal-intimat għal-likwidazzjoni tal-ħsara minħabba xogħol magħmul mhux skont is-sengħa, ir-rikorrent bbaża d-difiża tiegħu fuq li r-riżultat tax-xogħol tiegħu kien jiddependi mill-mod li ħadem min kien għamel il-bejtiet tat-

[41] Fol. 80a.
[42] Fol. 65.
[43] Skont l-irċevuti tal-VAT a fol. 69 u 74.
[44] Skont l-invoice a fol. 70.
[45] Skont l-irċevuti tal-VAT a fol. 72.
[46] Ara ritratti a fol. 76-106.
[47] Fol. 111.
[48] Fol 112.
[49] Fol 144B.

travi.[50] In kontroeżami hu qal li għalkemm ra x-xogħol li kien għamel ħaddieħor hu ma setax jinduna jekk tali xogħol kienx sar tajjeb jew le qabel ma jpoġġi t-travi tiegħu.[51]

35. Ir-rikorrent qal ukoll li wara li poġġa t-travi u nduna li mhumiex invell ċempel lill-intimat u avżah b'dan. L-intimat pero' kien qallu biex ikompli bix-xogħol għax mhux ħa jerġa' jaqla' kollox.[52] L-intimat kien saqsieh jekk kienx hemm soluzzjoni oħra apparti li jinqala' kollox u r-rikorrent kien issuġġerixxa l-injam biex jipprova jġib il-qlieb[53] - l-istess injam li l-perit Roderick Spiteri xehed li fl-opinjoni tiegħu tqiegħdu b'ċertu lapazz u li anzi iktar ikkumplikaw is-sitwazzjoni minħabba tliet elementi differenti li għandhom tliet *expansion coefficients* differenti. Il-Qorti pero' tinnota illi fl-affidavit tar-rikorrent, ippreżentat ċirca tliet snin qabel il-kontroeżami tiegħu, r-rikorrent kien qal illi **kien l-intimat li ġibidlu l-attenzjoni illi t-travi ma kienux dritti,[54] u mhux viċe versa**. Jidher li dan it-tidwir fil-verżjonijiet ta' fatti mogħtija mir-rikorrent ġew ikkoreġuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu stante li hu ssottometta li kien l-intimat li ċempillu u qallu li t-travi ma kienux qiegħdin dritti u invell. Għalhekk, jidher ċar illi r-rikorrent mhuwiex jinnega illi hu, bniedem tas-sengħa, ma ndunax li t-travi ma kienux dritti u nvell, u li kellu jkun l-intimat li li ma jifhimx fix-xogħol[55] li jiġbidlu l-attenzjoni dwar dan.

36. Ir-rikorrent issottometta wkoll illi għalkemm kien għamel xi suġġerimenti lill-intimat ma jfissirx li ħa d-deċiżjonijiet hu u li kellu jkun l-intimat li jirrikorri għal parir mingħand il-perit tiegħu qabel ma jsir xi xogħol sabiex jaċċerta ruħu li kollox miexi tajjeb. Il-Qorti tinsab pjuttost perplessa b'dan l-argument tar-rikorrent tenut kont li r-rikorrent stess ammetta li hu kien bniedem tas-sengħa li kien xogħolu jagħmel *"kwalunkwe ħaġa li għandha x'taqsam mal-ħadid, inkluż gallariji, soqfa u turġien fost l-oħrajn."*[56] Magħdud ma' dan, il-Qorti tirreferi għall-insenjament miġbur fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Raymond Mallia noe vs Mizzi Martin noe</u>** (Ċit Nru 102/1994/3 PS, 28/05/2003) li:

> "min jintraprendi bicca xoghol hu obbligat u jitqies dejjem responsabbli li jaghti opra sodisfacenti (Vol. XLII P II p 1003). Din ir-responsabilita` tikkolpixxi mhux biss xoghol hazin imma anke xoghol ezegwit b'materjal hazin. Tant dan hu hekk li dejjem skond

[50] Fol. 26.
[51] Fol. 147.
[52] Fol. 147 u 149.
[53] Fol. 27 u fol. 149.
[54] Fol. 27.
[55] Fol 49 u fol. 142.
[56] Fol. 26.

gurisprudenza affermata l-appaltatur hu tenut jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu (Vol. XXXV P III p 528) kif ukoll il-bonta` tal-materjal adoperat (Vol. XXXIX P I p 442)".

37. Irid jingħad illi l-kostatazzjoni dwar jekk l-opra ġietx eżegwita skont l-arti u s-sengħa hija tipikament materja ta' indole teknika li tkun taqa' lil hemm mill-kwalifiki tal-Qorti. Il-liġi tipprovdi f'dan ir-rigward fl-Art. 644 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi l-prova bil-mezz ta' perit jew periti tiġi ordnata minnha fuq talba tal-partijiet jew ta' waħda minnhom, inkella mill-Qorti minn jeddha. Issa kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza inkluż fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet: <u>**Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.**</u> (Ċit Nru. 1547/1997/1 PS, 26/10/2005):

> "in bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b'mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("*actori incumbit probatio*") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("*reus in excipiendo fit actor*"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimita u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha".

38. Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet <u>**Mario Farrugia v. Jonathan Pellegrini**</u> (Avviż tat-Talba numru: 356/2016 KCX, Tribunal għal Talbiet Żgħar, deċiża 31/10/2019) ingħad is-segwenti:

> "Dan it-Tribunal jerga' jiehu l-opportunità, kif ghamel f'okkazzjonijiet precedenti,illi jirrimarka li m'ghandux ikun skontat il-hsieb ta' xi kontendent li jahseb bis-segwenti manjiera: «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilfors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jista' qatt iwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikonoxxi bhala awtomatikament pruvata n-narrazzjoni ta' fatti minn xi parti. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm differenti minn dik reali u allura, hi necessarja certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw, jigu sinkronizzati u jikkoezistu f'armonija reciproka fl-atti processwali tal-kaz. Dan isehh permezz tal-filtru tal-evidenza (i.e., il-provi) li titressaq f'kawza quddiem min huwa ultimament imsejjah biex jiggudika. Tramite tali gharbiel procedurali, il-verità reali, li jafu solament il-litiganti, tigi mressqa f'forma guridika, oggettiva u konkreta lill-enti gudikanti ghall-iskrutinju taghha. B'tali mod, dik il-verità – li qabel tkun biss fl-isfera personali ta' parti jew ta' ohra mill-litiganti – tinbidel f'verità processwali, ossia f'fattur konkret u f'fatt guridikament valevoli li jivvinkola lill-gudikant li jqis, jizen, jixtarr u

jiggudika dwaru. Ghalhekk, huma l-provi li jiddeterminaw kawza u mhux l-aspettattivi tal-partijiet."

39. Il-Qorti ċċitat dawn l-aħħar żewġ sentenzi proprju għaliex għal xi raġuni jew oħra, ma saret l-ebda talba mir-rikorrent għall-ħatra ta' perit ai termini tal-Art. 644 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti, l-ebda Qorti filfatt, ma kellha u m'għandha xi obbligu li tappunta perit fuq inizjattiva tagħha u kien jinkombi fuq r-rikorrent illi jressaq kull prova għad-difiża tiegħu. Dan setgħa għamlu wkoll imqar bin-nomina ta' perit ex-parte, prova li però hija ukoll mankanti mill-proċess minkejja illi fix-xhieda tiegħu huwa alluda għall-fatt illi kien ħa parir minn perit imqabbad minnu.

40. Fil-każ in kwistjoni l-perit tal-intimat, u ċioe Roderick Spiteri, kien l-unika professjonist li ta l-opinjoni teknika tiegħu dwar ix-xogħol li twettaq mir-rikorrent. Hu kiteb li "*the executed works were clearly unprofessional and not up to standard*".[57] Fin-nuqqas tar-rikorrent li jressaq il-prova li setgħet titfa xi dubju fuq l-opinjoni tal-perit Roderick Spiteri (jew imqar fuq ix-xogħolijiet rimedjali li saru minn terzi persuni), il-Qorti tħoss li ma tistax tinjora tali opinjoni peritali anke jekk din ingħatat *ex-parte* sakemm ma tkunx konvinta mod ieħor li l-konklużjonijiet tiegħu ma kienux ġusti u korretti.

41. Il-Qorti tqis li hemm provi oħra indizjarji in sostenn tal-opinjoni teknika tal-perit Roderick Spiteri illi x-xogħol ta' appalt, tqegħid ta' travi u sandwich panels ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Ibda biex ma tresqet l-ebda sottomissjoni mir-rikorrent fil-konfront tal-fatt li kellu jidħol Bertram Pace jagħmel xogħol rimedjali warajh u li l-intimat kellu jirrikorri anke għal terzi persuni sabiex jipprova jsewwi x-xogħol magħmul mir-rikorrent. Filwaqt illi l-intimat ssottometta illi hu għadu sal-lum il-ġurnata ma jistax juża l-maħżen kollu bħala *dry store* (li kien fl-aħħar mill-aħħar l-intenzjoni primarja tiegħu sabiex isaqqaf il-bitħa) tant illi jista' juża' "forsi five percent minnu" għax "fi nofs tiegħu ma [jista' jagħmel] xejn, fuq wara ma [jista' jagħmel] xejn u fuq il-ġnubijiet ma [jista' jagħmel] xejn"[58], ir-rikorrent naqas milli jressaq xi provi li juru l-kuntrarju.

42. Bla tlaqliq il-Qorti tesprimi l-fehma illi jidher ċar mix-xhieda prodotta u mir-ritratti esebiti illi x-xogħol magħmul mir-rikorrent ma sarx sew tant li ġie ppruvat illi dan kien daqstant sinjifikanti bħalikieku r-rikorrent ma eżegwiex sew il-ħatra tiegħu. Fi kwalunkwe każ jekk r-rikorrent ħass li kellu daqstant raġun fid-difiża tiegħu illi x-

---

[57] Fol. 9.
[58] Fol 131.

xogħol sar skont is-sengħa u l-arti u li l-intimat ma sofra l-ebda danni kawża tal-appalt magħmul minnu, hu kellu tal-inqas iressaq xi tip ta' prova f'dan ir-rigward (jekk hemm bżonn b'rapport ta' perit ex-parte). Fuq kollox lanqas ma kien ikun ġustifikat ir-rikorrent li jixħet it-tort tan-nuqqas ta' kwalita' tax-xogħol li wettaq hu fuq ix-xogħol li wettaq ta' qablu. F'dan ir-rigward issir riferenza għal dak li ingħad fil-ġurisprudenza nostrana:

43. Fis-sentenza fl-ismijiet **George Spiteri noe et v. Peter Paul Testaferrata Moroni Viani** (Appell Ċivili 852/1994/1, 9/1/2009) ingħad per eżempju li:

> "Il-Qorti tagħraf li fit-twettiq tax-xogħol mogħti lilu, kull appaltatur irid iħares b'għaqal, mistenni minn kull missier tajjeb tal-familja u skond id-dettami tal-artikolu 1132 tal-Kodiċi Ċivili, il-mod kif iwettaq l-appalt. B'mod partikolari, biex l-appaltatur jista' jingħad li ta xogħol tajjeb irid juri li huwa ikkontrolla sew ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel u jagħti każ tal-fatturi li 'l quddiem jistgħu jikkompromettu x-xogħol li jkun ta, imqar jekk dan jiġri minħabba xogħol ħażin li jkun wettaq xi kuntrattur ieħor qabel ma jkun sar ix-xogħol appaltat"

44. Fis-sentenza: **Proinvest Limited vs Giljan Agius** (Appell Civili Numru. 115/2003/1, 08/01/2010) intqal li:

> "hu dover tal-appaltatur li jippresta xogħol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm-il darba li l-appaltatur li jesegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt, huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżukuzzjoni ħażina. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispeċifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espressi, mogħtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jagħti lil min qabbdu opra sodisfaċenti w ma jistax jallega li x-xogħol sar mhux sewwa għax il-kommittent ma oġġezzjonax għal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-ħlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx neċessarjament approvazzjoni tax-xogħol jekk dan fil-fatt jirriżulta difettuż."

45. Is-sentenza fl-ismijiet **Marie Paul Wagner vs International Translation Agency Ltd** (Appell Ċivili Nru 425/2007/1, 30/10/2009) tipprovdi s-segwenti fir-rigward ta' ħlas, jew ċioe nuqqas ta' ħlas, għal xogħol mhux skont is-sengħa:

> "Jekk allura x-xoghol ma jsirx sewwa u skond ir-regoli ta' l-arti fis-sengha jew il-professjoni partikulari, min jintraprendi dak ix-xoghol lanqas ma jkollu dritt ghall-ebda parti tal-hlas. Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "Nicola Vella -vs- Luigi Agius", Appell Inferjuri, 7 ta' April, 1923, trattasi wkoll minn kuntratt ta' locatio operis, illi "come ha ritenuto la Corte d'Appello in re: 'Andreas -vs- Grima' (Vol. XVI P I p 37), che niun compenso spetta al locatore d'opera, quando questa per incapacita` di lui riesce dannosa anziche utile al conduttore";

> B'aktar precizazzjoni ghall-fattispeci jinsab deciz illi "jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu ezegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol; ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx lest, l-appaltatur ma jistax jitlob il-hlas, la kollu lanqas parti minnu. U ladarba parti mix-xoghol hi ezegwita hazin, l-appaltatur lanqas jista' jippretendi l-hlas ta' dik il-parti tax-xoghol li tkun giet ezegwita sewwa". Ara "Antonio Pisani -vs- Carmelo Debattista", Prim' Awla, Qorti Civili, 8 ta' Mejju, 1958;".

46. Il-ġurisprudenza nostrana hija konsistenti wkoll fuq in-nuqqas ta' intitolament tal-appaltatur għall-ħlas meta "*l-appaltatur ma jottemprax ruhu mall-ftehim, jigifieri illi x-xoghol jigi mwettaq skond l-arti u s-sengha*".[59]

47. Għalhekk il-Qorti ser tiddeċiedi illi r-rikorrent bħala appaltatur m'għandu l-ebda dritt għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-appalt stante illi dan ma ġiex eżegwit skont is-sengħa u l-arti.

**Kunsiderazzjoni: kwantifikazzjoni tad-danni subiti mill-intimat**

48. Il-Qorti issa ser tgħaddi biex tikkunsidra l-kontrotalba tal-intimat għad-dikjarazzjoni li l-intimat rikonvenzjonant sofra ħsara minħabba eżekuzzjoni ħażina ta' xogħol mir-rikorrent, u għall-likwidazzjoni tal-ħsara sofferta mill-istess intimat konsistenti f'xogħol li kellu jerġa' jsir u ċioe kisi, tkaħħil u żebgħa, oltre li kellhom jiżżarmaw u jiġu armati l-kameras u l-wiring oltre oġġetti u affarijiet oħra li jiġu ppruvati, inkluż telf ta' profitt.

49. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Pierre Darmanin v. Moira Agius et.</u>** (QAC, App. 323/2002/1 PS, 06/10/2004) ġie ritenut is-segwenti fir-rigward tal-konsegwenza li jġib miegħu xogħol mhux skont is-sengħa magħmul minn appaltatur:

> "(2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).
>
> (3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E`

[59] Ara **<u>Ivan Borg pro et noe v. George Aquilina et</u>** (Avviż Nru 549/1997/1, 30/10/2004) u l-ġurisprudenza ċċitata.

dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003).

[…]

(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti ... l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIII pI p292)."

50. Dwar l-aspett tad-danni f'każ ta' inadempjenza saru wkoll dawn ir-riflessjonijiet fl-istess sentenza:

"(1) Jinsab deciz illi *"jekk l-appaltant jallega li l-appaltatur minnu mqabbad jezegwixxi x-xoghol hazin, u fil-fatt ix-xoghol ikun fih xi difetti, dan ma hux bizejjed biex il-Qorti tiddikjara l-appaltatur responsabbli ghad-danni; ghax jekk id-difetti huma tali li fil-fehma tal-Qorti, u a sodisfazzjoni taghha, ma jaghtux lok ghad-danni, id-deklaratorja tar-responsabilita` ghad-danni ma hiex ammissibbli. U dan aktar u aktar jekk jittrapela li d-difetti riskontrati huma tant insinjifikanti u riparabbli malajr … …"* (Kollez. Vol XLII pII p699).

(2) *"A contrario sensu meta d-difetti, kif hekk jirrizulta f'dan il-kaz, huma ta' natura sostanzjali l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol"* – ("Victor Tabone -vs- Felix Mifsud", Prim'Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1994)."

51. Fis-sentenza fl-ismijiet: **L-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino noe. v. Angelo Xuereb noe. et** (03.07.2003, Ċit Nru. 1264/1991/TM) ingħad illi:

"ir-responsabbilita' ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi – (i) dik maghrufa bhala responsabbilita' contrattuale u (ii) dik maghrufa bhala responsabbilita' extra contrattuale jew aquiliana...**Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale** l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa **l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu**, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll...

... Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert. Ir-responsabbilita' ghad-danni tirrizulta mir-rabta guridika jew nuqqas taghha, u dana skond il-kaz, li hemm bejn il-partijiet kontendenti. Torrente jaghti ezempju car sabiex ikun jista' jaghraf id-distinzjoni bejn rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' contrattuale u n-nuqqas ta' rabta kontrattwali li taghti lok ghar-responsabbilita' extra contrattuale.

"Se io viaggio in tram, e, quindi, ho concluso un contratto di trasporto, e mi ferisco in un incidente, e' sufficente che io provi di essermi trovato nel tram e di essere stato ferito. Se, invece, mentre passo per la strada, sono investito dal tram, ho l'onere di provare non soltanto l'incidente, ma anche il dolo o la colpa del vettore o dei suoi agenti". (Torrente & Schlesinger "Manuale Di Diritto Privato", para. 394 pg 639)"

52. Ingħad ukoll dak li ġej fis-sentenzi segwenti:

- **<u>Mary Vassallo v. Giovanni Mizzi et.</u>** (PA, Imħallef A. V. Camilleri, 09.04.1949, Vol. XXXIII.II.379):

  "il-htija meta tigi kkunsidrata fl-entita' taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha aquiliana, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-**<u>differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad</u>**. In kwantu ghall-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ex nunc. In kwantu ghall-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabbilita' fis-sens illi **<u>fil-kolpa kontrattwali wiehed jista' jirrispondi ta' htija hafifa skond il-kaz, mentri fil-kolpa aquiliana r-responsabbilita' testendi ruhha b'mod li dwarha ma hemmx grad</u>**."

- **<u>Pamela Fears v. Leo Grech et.</u>** (PA, Rik. Nru. 480/11GM, 08/10/2019):

  "'**Differenzi bejn l-illeċitu akwiljan u l-illeċitu kuntrattwali.**... Illi skont l-imħallef Caruana Curran « *l-colpa aquiliana tirrikorri meta d-dannu jigi kaġonat f'rapport extrakuntrattwali, cioe` tillimita ruħha għal fatt tal-bniedem bħala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover ġenerali tan-neminem laedere kombinat man-negliġenza taħt l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabbilta` kuntrattwali tirrisali għal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat għandu favur il-parti l-oħra* » [60]

---

[60] Gaetano Spiteri v Thomas Castle 18.08.1965 Prim'Awla sedenti l-Imħallef M. Caruana Curran - XLIX.ii.1027

Illi skont **Castronovo**[61] "*mentre nel torto extracontrattuale la colpa e` elemento costitutivo della responsabilita` e cioe` di un'obbligazione risarcitoria tra due soggetti fino ad allora irrelati, nella responsabilita` contrattuale il vinculum iuris esistendo gia`, la colpa non puo` esplicare quella funzione costitutiva di un'obbligazione che invece le e` propria nella responsabilita` aquiliana. In pari tempo nella responsabilita` contrattuale e` l'obbligazione medesima che, in quanto si traduce nella necessita` giuridica dell'adempimento, da` vita a` responsabilita` per il fatto stesso della sua mancata attuazione, talche` solo l'impossibilita` di adempiere esclude la responsabilita` ma nel momento stesso in cui e per la ragione che estingue l'obbligazione (art. 1256 c.c.)*";

Illi skont dottrina maġġoritarja fl-Italja, id-differenza ewlenija bejn iż-żewġ tipi ta' illeċitu tinstab fix-**xorta u piż tal-prova**: "*diverso e` infatti il contenuto della prova che spetta al danneggiato, il quale in caso di inadempimento dell'obbligazione (contrattuale) deve provare soltanto tale inadempimento, spettando poi al danneggiante la prova liberatoria sulla responsabilita`; mentre nella responsabilita` aquiliana, il danneggiato deve provare non solo il fatto dannoso, ma anche la responsabilita` del danneggiante*[62]";

Illi fi kliem il-**Bianca**: "*Come la prova degli altri elementi constitutivi dell'illecito, la prova della colpa e` a carico del danneggiato. In cio` si riscontra una delle piu` vistose differenze della responsabilita` extracontrattuale rispetto a quella contrattuale, dove e` il debitore che ha l'onere di provare la sua mancanza di colpa*[63] *... Per quanto si attiene al contenuto della prova liberatoria incombente in generale sul debitore inadempiente, va rilevato che a quest'ultimo* ***non e` sufficiente dare una prova generica delle proprie capacita` o della idoneita` della propria organizzazione o dei mezzi predisposti per l'adempimento****...Occorre piuttosto che egli dia la prova della sua assenza di colpa in relazione alla causa che ha impedito l'adempimento o l'esatto adempimento,* ***che cioe` tale causa era imprevedibile e inevitabile alla stregua della dovuta diligenza*** *... Questa prova implica l'identificazione della specifica causa impeditiva (il fortuito)"*[64]*... Mentre la prova della mancanza di colpa e` a carico del debitore, la prova dell'inadempimento e` a carico del creditore"*[65]

- **Margaret Camilleri et. v. The Cargo Handling Co. Ltd** (PA, Ċit Nru 1560/1995/1 PS, 13/10/2004):

---

[61] Carlo Castronovo, La Nuova Responsabilita` Civile, 3a ed. , 2006, paġna 456
[62] Enciclopedia Forense
[63] C. Massimo Bianca, Diritto Civile Vol 5 **La Responsabilita`** para. 253: seconda edizione 2012
[64] op.cit, para. 27
[65] op.cit. para. 28

"Il-**prova tad-dannu tispetta lil min jallega li sofrih**. Jinkombi ghalhekk lill-atturi f' dan l-kaz li jaghtu prova ta' l-effettiva ezistenza tad-dannu"

- **Marco Buttigieg et. v. Rose Cini** (Qorti tal-Appell Inferjuri, App 21/1999/1 PS, 17/11/2004):

  "Tibqa' dejjem, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, regola sana illi f' materja ta' rizarciment ta' danni, id-danneggjat ghandu jkollu d-dritt jikkonsegwixxi rizarciment effettiv li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz. Li jfisser li dan l-istess rizarciment jista' jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitjiet mitlufa"

- **Sylvia Degiorgio et. v. Massimiliano Da Crema** (PA, Ċit Nru 1560/1995/1 PS, 13/10/2004):

  "Issa hu principju gwida regolanti materja ta' rizarciment ta' danni illi min isofri dannu ghandu jigi re-integrat f' dak li jkun tilef b' konsegwenza ta' l-event dannuz u mhux dak li jiehu vantagg meta dan ikun indebitu jew mhux misthoqq"

- **Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri** (Qorti tal-Appell Inferjuri, App Nru 616/2001/1 PS, 20/10/2003):

  "... di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara konsegwenti ghall-fatt illecitu [Vol.XL.II.653] b' mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi. Jibqa' pero' dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitghabba b' pizijiet biex inaqqas il-hsara")

- **Joseph Aquilina v. Emmanuele Schembri** (App. Ċiv. 24/01/1969)

  "...il-kwistjoni ta' x' inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex jimmitiga l-hsara hi kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut"

53. Fil-*Halsbury's Laws of England* intqal illi:

"The guiding principle of law in mitigation of losses is as follows. It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues, and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect. The duty arises immediately a plaintiff realises that an interest of his has been injured by a breach of contract or a tort, and he is then bound to act, as best he may, not only in his own interests, but also in those of the defendant. He is, however, under no obligation to injure himself, his character, his business, or his property, to reduce the damages payable by

the wrongdoer. He need not spend money to enable him minimize the damages, or embark on dubious litigation. The question what is reasonable for a plaintiff to do in mitigation of his damages is not a question of law, but one of fact in the circumstances of each particular case, the burden of proof being upon the defendant."[66]

54. Applikat l-insenjament għaqli tas-sentenzi fuq ċitati l-Qorti ser tgħaddi biex tqis jekk id-danni reklamati mill-intimat fil-kontrotalba tiegħu humiex verament dovuti lilu u fl-ammont mitlub:

- Xogħol ta' tqegħid ta' *resin membrane, waterproofing membrane*, għoti ta' konkos, kisi u żebgħa minn Keith Balzan Gera: € 4,425[67] (inkluż il-VAT). Mix-xhieda mogħtija, jirriżulta ppruvat illi dan ix-xogħol kellu jsir mill-ġdid ta' bilfors minħabba n-nuqqasijiet li kien hemm fix-xogħol li sar mir-rikorrent Massimo Mamo. Ma jirriżultax illi l-ammont li ġie fatturat minn Balzan Gera u li tħallas lilu mill-intimat rikonvenzjonant Vella huwa eżorbitanti jew mhux raġjonevoli. Lanqas ma jirriżulta illi tressqet xi prova mir-rikorrent rikonvenzjonat illi d-danni kkawżati seħħew minħabba xi kawża estranja li tagħha huwa ma kellu l-ebda ħtija[68]. L-ammont ta' **€ 4,425** (inkluż il-VAT) huwa għalhekk dovut.

- L-istess jingħad għax-xogħol li sar minn Daniel Micallef eżerċenti l-kummerċ bl-isem Custom Metal Fabrications sabiex jintrabtu t-travi mal-pilastri (ammont ta' **€ 1,327.50** inkluż il-VAT[69]), minn Brian Abela eżerċenti l-kummerċ bl-isem Brian Waterproofing sabiex jiġi applikat membrane intiż li jagħlaq ix-xquq ta' madwar is-saqaf (ammont ta' **€ 3,780** inkluż il-VAT[70]) u minn Tech Advance Security Systems sabiex jiġu *rerouted* l-*cables* u l-*cameras* (ammont ta' **€ 230.01** inkluż il-VAT[71]).

55. Irid jingħad ukoll illi minkejja li fil-kontrotalba tiegħu l-intimat semma ukoll danni oħra li sofra fosthom telf ta' profitti huwa stess, fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu[72], illikwida l-ammont pretiż minnu bħala risarċiment tad-danni fis-somma ta' **€9,762.51.**

---

[66] Halsbury H. S. G. (1955). Halsbury's Laws of England (3rd ed.) Vol. 11 page 289
[67] Fol 74
[68] Art. 1133 tal-Kap. 16
[69] Fol 70 kif ikkonfermat fl-affidavit ta' Daniel Micallef a fol 111
[70] Skont l-invoice mmarkata Dok. D a fol 71 u l-irċevuta a fol 72.
[71] Fol 67
[72] Fol 168

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent kif ukoll l-eċċezzjonijiet tiegħu qua rikonvenzjonat filwaqt illi tilqa' l-kontrotalba tal-intimat rikonvenzjonat fis-sens segwenti:**

a. **Tiddikjara illi l-intimat rikonvenzjonant sofra danni minħabba eżekuzzjoni ħażina ta' xogħol li ma ġiex magħmul skont is-sengħa u l-arti fil-fond "William Transport", 60, Triq Wied Blandun, Paola, b'aċċess ieħor minn 2, Triq I-Ghaqdiet tal-Haddiema, Paola;**

b. **Tillikwida d-danni sofferti fis-somma ta' disat elef seba' mija tnejn u sittin euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€ 9,762.51);**

c. **Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenzjonat jħallas dan l-ammont lill-intimat rikonvenzjonant bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tas-sentenza.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrent rikonvenzjonat.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep Reġistratur